KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

# Rapport Amministrattiv

## Jannar – Diċembru 2021

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

Table of Contents

Introduzzjoni mis-Sindku ........ 4
Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ........ 7
L-Amministrazzjoni ........ 7
Attendenza tal-Kunsilliera għas-Seduti ........ 9
Ilmenti ........ 10
Allokazzjoni finanzjarja ........ 13
Skemi ........ 14
Skema finanzjarja *Lifelong Learning* ........ 14
Fondi għall-attivitajiet u inizjattivi kulturali u soċjali mill-LESA ........ 14
Żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-*playing fields* ........ 14
Inizjattiva finanzjarja favur il-komunita' – Libreriji lokali u reġjonali ........ 14
Fond għaż-żamma u l-manutenzjoni ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern ........ 15
Fondi mill-Kunsill Reġjonali Nofsinhar ........ 15
Programm 'Achievers' ........ 15
Skema 'LC Care' ........ 15
Skema għal Attivitajiet Kulturali Annwali ........ 16
Proġetti fil-Komunita' – Fondi mill-LESA ........ 16
Miżuri b'fondi tal-UE ........ 16
Ħidma b'risq il-Patrimonju Siġġiewi ........ 16
Miżuri b'fondi tal-UE taħt Gal Majjistral ........ 16
Restawr Statwa San Nikola fil-Pjazza - Miżura 1 ........ 16
Proġett Restawr Statwi Salib tal-Għolja ........ 17
Kappella tal-Lunzjata fis-Salib tal-Għolja ........ 17
Restawr Zuntier Knisja Arċipretali Siġġiewi ........ 18
Korsijiet u attivitajiet fiċ-Ċentru Ċiviku ........ 18
Proġetti ta' *Town Twinning* u proġetti *Erasmus+* ........ 19
Investiment f'attivitajiet kulturali, u soċjali ........ 19
Attivitajiet Jum is-Siġġiewi 2021 ........ 19
Mozzjonijiet b'risq personaġġi Siġġiwin mressqa fl-2021 ........ 20
Mixgħela Ħamis ix-Xirka 2021 ........ 20
Għajnuna lill-għaqdiet lokali ........ 20
Proġetti ġodda ta' Spazzji Miftuħa ........ 21
Family Park Triq Salvu Borg Olivier ........ 21
Proġett Reading Garden ........ 21
Proġett Komunitarju (flimkien ma' Malta Foundation for the Well-Being of Society) ........ 22
Xogħolijiet ta' Manutenzjoni żoni pubbliċi ........ 22
Ambjent ........ 23
Miżuri ta' sigurta' fit-toroq tagħna u investiment fl-infrastuttura ........ 25

Xogħol ta' tindif fiz-zoni tal-Housing Estates fis-Siġġiewi ..... 25
Kuntatt mar-residenti ..... 26
Pjan ta' Ħidma 2022 ..... 26
Bidu ta' ħdima taħt Reġjun Ġdid tal-Punent ..... 26
Proġett Riġenerazzjoni Pjazza San Nikola fis-Siġġiewi ..... 27
Proġett ta' Spazzji Miftuħa ġodda ..... 27
Proġett Reading Garden – Triq Mons Mikiel Azzopardi ..... 27
Proġett Family Park – Triq Salvu Borg Olivier ..... 27
Proġett Komunitarju – Binja tal-Gvern Ramija ..... 28
Ħidma fuq aktar Sigurta' fuq it-toroq tagħna ..... 28
Proġett Night Shelter għall-Anzjani ..... 28
Investiment fl-Infrastruttura u t-toroq tagħna ..... 28
Restawr ta' Monumenti u Ħarsien tal-Patrimonju Siġġiewi ..... 29
Restawr Statwi Salib tal-Għolja ..... 29
Restawr ta' monumenti Siġġiwin ..... 29
Restawr ta' Niċeċ ..... 29
Bidu tax-xogħol ta' Restawr fuq iz-Zuntier tal-Knisja Parrokjali ..... 29
Restawr Kappella Lunzjata Salib tal-Għolja ..... 29
Korsijiet ta' taħriġ u Edukazzjoni ..... 29
Attivitajiet Kulturali ..... 30
Jum is-Siġġiewi 2022 ..... 30
Mixgħela Ħamis ix-Xirka 2022 ..... 30
Rapporti tal-Kunsilliera għal ħidma matul is-sena 2021 ..... 31
Rapport ta' ħidma mill-Viċi Sindku Rodianne Haber ..... 31
Rapport ta' ħidma mill-Kunsilliera Dr. Alessia Psaila Zammit ..... 33
Rapport ta' ħidma 2021 tal-Kunsillier Kurstein Sant ..... 34
Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Julian Borg ..... 35
Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Francine Farrugia ..... 37

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Ċittà Ferdinand

**Introduzzjoni mis-Sindku**

Għeżież,

Matul l-aħħar sena li għaddiet, minkejja d-diffikultajiet li imponiet fuqna il-pandemija, il-Kunsill Lokali baqa' għaddej bil-ħidma tiegħu fuq diversi fronti. Komplejna nipprovdu servizzi bażiċi li l-Kunsill joffri ta' kuljum, bħas-servizz tal-kollezjoni tal-iskart, iż-żamma tal-Indafa madwar il-lokalita' xogħolijiet ta' landscaping u manutenzjoni f'ġonna pubbliċi, manutenzjoni tat-toroq u l-infrastruttura u servizzi oħra li l-Kunsill jipprovdi b'mod ġenerali.

Matul din l-aħħar sena il-Kunsill imbarka b'impenn fuq proġetti ġodda ta' spazji miftuħa madwar is-Siġġiewi. Minkejja li fir-raħal tagħna, b'kuntrast ma' lokalitajiet oħra fortunatament għadna nistgħu ngawdu ħafna mill-ambjent naturali li għanda madwarna, xorta kien jinħass il-bżonn li jsiru investimenti ġodda ta' spazji pubbliċi sabiex jitgawdew mis-Siġġiwin. Fost dawn hemm il-proġett li fil-preżent jinsab fi stadju ta' applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar fejn se jsir proġett ta' Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier, investiment fuq medda ta' 400 mitt metru art, fejn minflok art mitluqa li għanda illum din se tkun qeda tiġi trasformata fi ġnien li se jkopri żoni differenti, fosthom dawk ta' relaxation area, skate park, u aktar faċilitajiet sportivi oħra f'dan l-istess sit, fejn il-familji tagħna jkunu jistu jqattu ftit ħin ta' kwalita f'dan il-post imdawwar bl-ambjent sabiħ ta' madwaru. F'dan il-proġett il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għamel ftehim mal-INDIS li hi l-entita' responsabbli mill-amministrazzjoni tal-Park Industrijali f'Pajjiżna fejn dawn flimkien mal-Ministeru għall-Ekonomija u l-Intrapriżi se jkun qegħdin jiffinazjaw dan il-proġett li mistenni jiswa' madwar €600,000 ewro fejn eventwalment wara li x-xogħolijiet fuq dan il-proġett jkunu lesti, il-Kunsill se jieħu f'idejh l-amministrazzjoni u l-manterniment ta' dan is-sit.

Proġett ta' spazju miftuħ ieħor ġdid u dak tar-Reading Garden fi Triq Mons Mikiel Azzoprdi fejn il-Kunsill identifika porzjon ta' art pubblika li fiha se jkun qed isir dan il-proġett. Dan il-proġett jinsab ukoll fi stadju ta' applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar fejn hekk kif jinħareġ il-permess nibdew bix-xogħolijiet fuq dan il-proġett.

Proġett li se jkun iffinazjat minn fond ta' €65,000 li l-Kunsill ibbenefika minn skema offruta mill-LESA b'kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Aktar minn hekk għanda proġett ieħor ta' spazju miftuħ fiż-żona ta' Ramija fejn b'kollaborazzjoni bejn The Malta Foundation for the Well Being of Society, immexxija mil-Presdient Emeritu ta' Malta l-Eċċ. Marie Louise Coleiro Preca u l-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill tagħna se jkun qed jsir dan il-proġett innovattiv ta' spazju miftuħ ġdid f'din iż-żona fis-Siġġiewi, proġett ispirat minn ideat ta' numru ta' studenti li jattendu f'diversi skejjel primarji madwar Malta. Dan il-proġett diġa ġie ppreżentat filwaqt li ħafna mill-preparamenti neċessarji diġa saru u eventwalment ix-xogħolijiet fuq dan il-proġett se jibdew fi ftit ġimgħat oħra.

Intant fl-aħħar ġimgħat komplew jitħejjew il-preparamenti neċessarji sabiex fil-ġimgħat li ġejjin jibdew ix-xogħolijiet fuq Night Shelter ġdid fis-Siġġiewi, li se jkun inkorporat mal-bini taċ-ċentru ċiviku fis-Siġġiewi. L-għan ta' dan il-proġett se jkun sabiex joffri wens lil anzjani Siġġiwin matul il-ħinijiet ta' filgħaxija u bil-lejl b'assistenza minn professjonisti f'dan is-settur.

Apparti dawn il-proġetti maġġuri, matul is-sena l-Kunsill ħa ħsieb il-manutenzjoni ta' diversi ġonna u zoni pubbliċi li għanda madwar is-Siġġiewi bħal playingfield ta' Għar lapsi, il-playinfield Nalziperla, l-Out-door gym fi Triq F.X. Mangion fejn hemmhekk b'fondi minn Sport Malta saret trakka ġdida tal-ġiri, xogħol ta' manutenzjoni ġenerali kif ukoll installar ta' CCTV cameras tul il-ġnien kollu b'fondi mir-Reġjun Nofsinhar.

Fir-rigward tat-Trasport u l-investiment fl-infrastruttura komplejna naħdmu id f'id mal-entiatjiet responsabbli bħal Infrastructure Malta u Transport Malta fuq resurfacing u mgħodija ta' servizzi ġodda f'numru ta' toroq fosthom dik ta' Għar Lapsi, Triq is-Siġġiewi (benniena), Triq San Nikola, Triq il-Parroċċa, Triq il-Muża', Triq Nicolo' Baldacchino, Triq ta' Żmetta u numru ta' toroq oħra f'żoni rurali madwar is-Siġġiewi. Fil-preżent is-sotto-kumitat responsabbli mill-immaniġjar tat-traffiku u s-sigurta' fit-toroq tal-lokalita' qed jaħdem fuq numru ta' proposti intizi saibex tiżdied is-sigurta' fit-toroq tal-lokalita' tagħna b'interventi b'mod partikolari fi Triq Dr Nikola Zammit, iz-zona ta' Kirċippu u f'żoni oħra madwar is-Siġġiewi.

Għaddejjin ukoll b'ħidma intensiva permezz ta' diversi proġetti ta' restawr fuq patrimonju Siġġiewi. F'Diċembru li għada ġie inawgurat ix-xogħol ta' restawr li sar fuq l-istatwa ta' San Nikola fil-Pjazza, xogħol li sar permezz ta' fondi ewropej li ksibna permezz tal-GAL Majjistral kif ukoll ix-xogħol li qiegħed jiffinanzja l-Kunsill tas-Siġġiewi fuq ir-restawr tal-Istatwi li jinsabu mat-telgħa tas-Salib tal-Għolja, proġett li se jkun qiegħed jiġi fi tmiemu f'April.

Rajna wkoll li nkomplu ngħinu fl-investiment edukattiv ta' uliedna, fejn provdejna assistenza finanzjarja peremzz ta' fondi mir-Reġjun Nofsinhar kif ukoll mill-Kunsill sabiex jsir investiment ta' rinnovar tal-Librerija Pubblika Karmenu Vassallo, permezz ta' xkaffar ġdid u investiment f'kotba ġodda. Minkejja d-diffikultajiet tal-pandemija, komplejna nipprovdu aktar korsijiet ta' taħriġ differenti ġewwa ċ-ċentru ċiviku kif ukoll dawk ta' life long learning. Komplejna wkoll noffru servizz ta' taħriġ u attivitajiet għal anzjani ġewwa iċ-ċentru ċiviku, filwaqt li l-Kunsill taż-Żgħażagħ ħa numru ta' inizjattivi fosthom dawk ambjentali matul din l-aħħar sena bl-istess ideat u parteċipazzjoni taz-zgħazagħ tagħna.

Aktar minn hekk matul din is-sena komplejna ngħinu l-għaqdiet Siġġwin permezz ta' għajnuna finanzjarja sabiex ikunu jistgħu jtellgħu l-attivitajiet tagħhom, fosthom dik ta' Milied Siġġiewi, l-inawgurazzjoni tar-restawr tal-Istatwa ta' San Nikola, il-Mixgħela ta' Ħamis ix-Xirka u attivitajiet oħra li tellajna fis-Siġġiewi minkejja d-diffikultajiet li imponiet fuqna il-pandemija.

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Ċivitá Ferdinand

Fl-aħħar xhur flimkien mas-servizz.gov ħdimna fuq ftehim fejn għal ewwel darb infetaħ *hub* ġdid tas-servizz.gov fis-Siġġiewi. F'dan l-uffiċju qiegħed jiġi provduti diversi servizzi utli u ta' assitenza relatati ma' taxxa, servizz ta' jobs+, assistenza relatata ma' servizzi soċjali u aktar. B'hekk minflok imorru f'lokalita' oħra, is-Siġġiwin issa jistgħu jibbenefikaw minn dawn is-servizzi fis-Siġġiewi stess.

Ma' dan ir-rendikont ta' ħidma li għadni kif tajt, hemm ħafna aktar inizjattiv li bħala Kunsill ħadna matul din is-sena, intiżi sabiex isebħu il-lokalita' tagħna filwaqt li noħolqu ambjent isbaħ għar-residenti kollha u familji Siġġiwin. Dan ma' jkun possibli bl-għajnuna u l-impenn tal-Kunsilliera li flimkien naħdmu u għanda dejjem naħdum l-ewwel u qabel kollox fl-interess tas-Siġġiewi, kif ukoll lilkom residenti u familji Siġġiwin għas-sostenn u l-għajnuna tagħkom anki permezz tas-suġġerimenti li inthom tressquli bl-għan li nkomplu naraw Siġġiewi isbaħ u aktar b'saħħtu.

Dan kollu li bnejna s'issa, flimkien ma' dawk ta' qabilna se nkomplu ninpenjaw ruħna sabiex warajna nħallu Siġġiewi isbaħ minn dak li aħna qegħdin ngawdu illum.

Tislijiet,

**Dominic Grech**
***Sindku***
***Kunsill Lokali is-Siġġiewi***

## Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, Citta' Ferdinand, belt b'popolazzjoni li llum il-ġurnata qabżet it- 8500 skont il-popolazzjoni stmata għal kull lokalita', huwa magħmul minn seba' Kunsilliera, b'Sindku u Viċi-Sindku, eletti direttament mill-poplu tas-Siġġewi. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet kollha skont l-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' erba' impjegati skrivani fix-xogħol tal-Uffiċċju. Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jaħtar Sotto Kumitati, fejn il-funzjoni ta' dawn Sotto Kumitati, imwaqqfa fi ħdan il-Kunsill, hija proprju li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjanijiet tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbilitajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali.

Bħalissa l-Kunsill għandu erbgħa ħaddiema assenjati minn skemi ta' RSSL (2) u CWS (2) biex jgħinu fl-operat ta' kuljum, kemm fix-xogħol tal-uffiċċju kif ukoll dak ta' manutenzjoni ġenerali.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi huwa kompost minn 7 Kunsilliera.

- Dominic Grech - Sindku
- Rodianne Haber - Viċi Sindku
- Dr. Alessia Psaila Zammit - Minority Leader
- Dr. Kurstein N. Sant
- Julian Borg
- Adrian Farrugia
- Francine Farrugia

**Segretarju Eżekuttiv**: Is-Sra. Ritienne Giorgino

L-Amministrazzjoni mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv (Kap Amministrattiv, Eżekuttiv u Finanzjarju), tassigura kontinwita' f'dak li huwa xogħol, u tassigura li x-xogħlijiet u servizzi lir-residenti tal-lokal jibqgħu għaddejjin mingħajr xkiel.

## L-Amministrazzjoni

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi hija magħmula hekk:

| | |
|---|---|
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sra. Ritienne Giorgino |
| **Impjegati klerikali:** | Is-Sra. Maria Muscat (Assistent Prinċipal), |
| | Is-Sra. Martina Galea (Uffiċjal Eżekuttiv) |
| | Is-Sra. Leanne Montesin (*Customer Care Clerk*) |
| | u is-Sra. Dorianne Gerada (ħaddiema assenjata mill-iskema RSSL) |

Is-Sra. Maria Muscat ġiet konfermata Deputat Segretarju Eżekuttiv skond Artiklu 50 tal-Att dwar il-gvern Lokali (Art 363) u regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 363.20 (Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani).

Is-Sra. Leanne Montesin ġiet impjegata f' Novembru 2021 bħala Uffiċjal tal-*Customer Care* u ser tkun qed tassisti fil-proċess tal-ilmenti u x-xogħol *day-to-day* tal-uffiċċju.

Din is-sena l-istaff attenda diversi korsijiet ta' taħriġ fosthom dawk relatati mal-edukazzjoni permezz ta' korsijiet relatati mal-kitba tal-Malti kif ukoll kwalifika fl-ECDL. Barra min hekk saru ukoll korsijiet relatati mal-iżvillup personali, bħal korsijiet relatati mal-persuni bid-dimensja, *medical first aid* kif ukoll *mental first aid*. Dawn il-korsijiet ikabbru l-għarfien tal-impjegati kemm b' mod personali kif ukoll fuq il-post tax-xogħol u is-sitwazzjonijiet li jiltaqgħu magħhom ta' kuljum.

Mill-1 ta' Jannar sa Diċembru 2021, minkejja ir-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija, il-Kunsilliera komplew bil-ħidma tagħhom skont ir-responsabilitajiet assenjati lilhom f' Seduta 395, skond l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap 363), taħt it-12 -il Skeda. Ir-responsabbilitajiet msemmija huma:

**Dominic Grech (Sindku)**

- Finanzi
- Fondi Ewropej
- Rappreżentant Kunsill tal-Kunsill Reġjonali

**Rodianne Haber (Viċi-Sindku)**

- Proġetti
- Iż-Żgħażagħ u t-tfal (Kunsill Lokali Tfal u ż-Żgħażagħ)
- Il-Ħarsien tal-Annimali
- Anzjani

**Kurstein Sant (Kunsillier)**

- L-Ambjent Urban
- Sport u Attivitajiet Fiżiċi
- Kultura u Patrimonju Storiku
- Turiżmu

**Alessia Psaila Zammit (*Minority Leader*)**

- Qasam Soċjali
- Komunitajiet
- Integrazzjoni Soċjali

**Julian Borg (Kunsillier)**

- Ambjent Rurali;
- Innovazzjoni;
- Materji relatati mal-Awtorita' tal-Ippjanar
- Għar Lapsi u Ħarsien tal-Widien Siġġiwin

**Adrian Farrugia (Kunsillier)**

- Indafa u immaniġjar tal-iskart
- Infrastruttura, Immaniġjar tat-Traffiku u Sigurta' Lokali
- Rappreżentant GAL Majjistral

**Francine Farrugia (Kunsillier)**

- Edukazzjoni
- Persuni b'Diżabilita'
- Aċċessibilta' u Ugwaljanza

(Rapporti tal-ħidma tal-Kunsilliera annessi ma' dan ir-rapport)

Din is-sena tlaqqgħu 16-il Seduta tal-Kunsill, fit-tmien Leġislatura tal-Kunsill, minn Jannar sa Diċembru. L-attendenza tal-Kunsilliera għas-Seduti kienet hekk:

Seduti bejn Jannar u Diċembru 2021 – Seduti numru 402-416

## Attendenza tal-Kunsilliera għas-Seduti

| Kunsillier | Preżenti | Total ta' Seduti |
|---|---|---|
| Is-Sur. Dominic Grech | 16 min 16 | 16 |
| Is-Sra.Rodianne Haber | 14 min 16 | 16 |
| Dr. Alessia Psalia Zammit | 13 min 16 | 16 |
| Dr. Kurstein Sant | 7 min 16 | 16 |
| Perit Julian Borg | 16 min 16 | 16 |
| Is-Sur. Adrian Farrugia | 10 min 16 | 16 |
| Is-Sra. Francine Farrugia | 16 min 16 | 16 |




## Ilmenti

*"Kull lokalità għandu jkollha Kunsill Lokali li jkollu dawk il-funzjonijiet kollha li jingħataw lilu b'dan l-Att"*

Il-Kunsill Lokali għandu l-obbligu jattwa l-funzjonijiet tiegħu kif tippermetti l-Liġi (Att dwar il-Gvern Lokali Kapitlu 363).

Tul is-sena ġew reġistrati mal-elf u ħames mitt ilment.

Il-maġġor parti tal-ilmenti kienu mqassma hekk:

- Servizz ta' ġbir ta' skart goff
- Qtugħ ta' ħaxix u tindif fiż-żona rurali
- Bozoz maqtugħa, *shifting*, talbiet għal bozoz ġodda
- Ilment relatati ma' tabelli u sinjali tat-traffiku inkluż mirja
- Tindif fiż-żona rurali, knis u ġbir ta' skart
- Ilmenti ġenerali ta' kull tip ieħor




Il-Kunsill ressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta diversi rikjesti minn residenti. L-iktar rikjesti komuni jkunu dawk ta' *double yellow lines* fil-ġnub tal-garaxxijiet għal-aċċess liberu. Kien hemm ukoll diversi ilmenti dwar tiswija tal-ħitan tas-sejjieħ li jkunu ta' sostenn għat-triq, tranġar ta' toroq tal-bdiewa, u anka rikjesti għal xogħol infrastrutturali maġġuri ta' toroq bħal Triq il-Parroċċa, Triq San Nikola, Triq il-Għid, parti minn Triq Mons Mikiel Azzopardi, u oħrajn.

Barra dawn ikun hemm bosta ilmenti *'day to day'* li jiġu solvuti dak il-ħin, fosthom nuqqas ta' ġbir ta' skart, u *water leakages* li jiġu rrapurtati dak il-ħin lil-entita' rispettiva.

Filwaqt li l-Kunsill jagħmel l-almu tiegħu biex jipprovdi l-aħjar servizz possibbli, ikunu diversi ir-rikjesti li ma jaqgħux taħt ir-responsabbilta' ta' Kunsill Lokali u anka li ma jkunux jistgħu jitwettqu minħabba limitazzjonijiet ta' finanzi. Madankollu, il-Kunsill jagħmel il-pressjoni kollha neċessarja mal-awtoritjiet biex jikseb għajnuna kemm fuq xogħol kif ukoll fuq finanzi għal ġid tar-residenti tal-lokal.

Nistgħu ngħidu li wara *follow-up* minn naħa tal-amministrazzjoni mal-awtoritajiet fosthom Enemalta, WSC, ilmenti ta' infurzar li jgħaddu għand il-LESA jew Pulizija il-maġġor parti tal-ilmenti jiġu riżolti.

L-amministrazzjoni tara wkoll li r-residenti jkunu sodisfatti bis-servizzi offruti, u b'mod frekwenti isir kuntatt għal *feedback* mir-resident kemm fejn jirrigwarda ġbir ta' skart goff u anka dwar ilment ta' dawl u oħrajn.

Tkompla ukoll servizz ta' tqassim tal-konteнituri tal-iskart kif ukoll tqassim tal-boroż tal-iskart organiku u dak tar-riċiklaġġ.

Is-sitwazzjoni attwali tal-pandemija ħolqot restrizzjonijiet għal diversi attivitajiet li normalment isiru fosthom il-korsijiet edukattivi li kellhom jiġu sospiżi. Minkejja dan, il-Kunsill organizza kors ta' *ECDL* virtwali u anka 2 korsijiet tal- *lifelong learning,* wieħed tal-bizzilla, u ieħor tal-lingwa maltija għal barranin li sar virtwalment. Sar ukoll kors ta' *parenting skills* b'attendenza limitata. Huwa l-ħsieb tal-Kunsill li l-korsijiet edukattivi jerġgħu jieħdu spinta malli s-sitwazzjoni tiġi għan-normal.

Korsijiet li saru tul is-sena 2021 u l-attendenza li kienet limitata minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija.

| | |
|---|---|
| Arti | 34 |
| Franċiż | 7 |
| Għawm | 10 |
| Yoga | 7 |
| Fitness | 18 |
| Pilates | 24 |
| ECDL | 14 |
| Robotica | 19 |
| Presepju | 21 |



## Allokazzjoni finanzjarja

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ġie allokat mill-Gvern l-ammont ta' €874,445 għas-sena finanzjarja Jannar-Diċembru 2021.

**Is-somma tinħadem fuq dawn il-kriterji:**

- Tisbiħ u manutenzjoni ta' ġonna inkluż lattrini
- Manutenzjoni ta' toroq (tiswija u sinjali tat-traffiku)
- Manutenzjoni ta' toroq (knis u tindif ta' toroq urbani)
- Manutenzjoni ta' toroq (knis u tindif ta' toroq rurali)
- Immaniġġjar ta' skart (ġbir ta' skart u bins-on-wheels)
- Immaniġġjar tal-iskart (*tipping fees*)
- Spejjez ta' amministrazzjoni

Il-Kunsill applika ukoll għal fondi ta' aġġustament taħt il-Fond għall-Bliet Kapitali, ex Belt Kapitali u Bliet, fejn ġie allokat is-somma addizjonali ta' €10,000.

Id-dħul prinċipali tal-Kunsill jiġi mill-Gvern Ċentrali. L-ispiża maġġuri tal-fondi huma l-kuntratti ta' servizzi fosthom tindif b'allokazjoni ta' €383,121 u manutenzjoni ta' toroq, inkluż sinjali u marki tat-traffiku, liema allokazjoni tlaħħaq it-€300,000. Sfortunatament jintefqu ħafna flus ukoll għal tiswija ta' diversi ħsarat ta' vandaliżmu, u rimi illegali li jistgħu jintużaw għal proġetti ta' tisbiħ li jista' jgawdi kulħadd.

**Il-kuntratti maġġuri huma:**

- Ġbir ta' skart domestiku
- Manutenzjoni ta' *roundabouts* u żoni pubbliċi
- Knis
- Tindif ta' żoni rurali
- Tindif ta' lattrini
- Ġbir ta' skart goff
- Manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku
- *Patching*

Dħul ieħor sostanjali jiġi minn diversi skemi li jinħarġu kemm għal fondi tal-UE, dawk mil-Kunsill Reġjonali kif ukoll mil-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fost l-oħrajn li l-Kunsill japplika għalihom bi ħġaru. Il-Kunsill jieħu dawn l-applikazzjonijiet b'serjeta' kbira biex ikun jista' jissottometti l-maġġor parti tal-applikazzjonijiet b'suċċess u allura jkollu iktar fondi għal proġetti u attivitajiet għall-ġid tal-lokal u tar-residenti.

Il-Kunsill ikollu dħul ukoll mill-permessi li jinħarġu rregolati minn L.S.441.04, permessi ta' makkinarju, *skips*, mwejjed u siġġijiet, posta/*kiosks* u attivitajiet oħra li jinħtieġu permessi mill-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill jirċievi ħlas mil-LESA ta' 10% tal-ħlasijiet ta' kontravenzjonijiet li jitħallsu fl-Uffiċċju tas-Siġġiewi.

## Skemi

Il-Kunsill ibbenefika minn fondi mid-diversi skemi li joħorġu matul is-sena. Il-ħidma sfieqa tat ir-riżultati tagħha biex dawn l-iskemi ikunu konformi u jikkwalifikaw.

### Skema finanzjarja *Lifelong Learning*

Minkejja li din is-sena il-korsijiet kienu limitati minħabba s-sitwazzjoni preżenti, il-Kunsill xorta applika u bbenefika minn €1000 fondi mogħtija mir-Reġjun Nofsinhar għal xiri ta' *laptop* biex ikun jista jintuża għal inizjattivi varji.

### Fondi għall-attivitajiet u inizjattivi kulturali u soċjali mill-LESA

Permezz ta' din l-iskema il-Kunsill ibbenefika minn total ta' €15,000 għal tiswija u manutenzjoni tal-magni fl-outdoor gym. Dawn il-fondi iffinanzjaw ukoll parti mit-trakka tal-ġiri li saret ġdida b'materjal professjonali. Ammont ta' €10,000 għat-trakka kien finanzjat minn SportMalta.

### Żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-*playing fields*

B'suċċess il-Kunsill applika wkoll għal titjib fil-*playing fields*, u ġiet approvata is-somma ta' €88,000. Dawn il-flus ser jintużaw biex *area* vojta fil-Park ta' Għar lapsi tinbidel *f'area* għan-netball, u anka biex jiġi installat apparat ta' qdif fl-*open gym*. Hemm bżonn ukoll tiswija u manutenzjoni estensiva fil-Bandi ta' Nalizpelra, bdil ta' *safety carpet*, u tiswija/bdil ta' apparat tal-logħob. L-applikazzjoni kienet tinkludi wkoll proġett edukattiv innovattiv ta' simulazzjoni tat-traffiku, liema proġett ser jiġi amalgamat mal-proġett iktar estensiv ta' *Family Park* fi Triq Salvu Borg Olivier.

### Inizjattiva finanzjarja favur il-komunita' – Libreriji lokali u reġjonali

Wara konsultazzjoni mal-librara, il-Kunsill ra li hemm bżonn rinovar tal-ixkaffar peress li ħafna minnhom kienu f'kundizzjoni ħażina. Għalhekk, sar kuntatt mal-garaxx tal-Gvern biex jgħinu fil-*mano d'opera*, mentri l-materjal inxtara parzjalment minn fondi tar-Reġjun Nofsinhar, €500, u l-kumplament mill-fondi tal-Kunsill b'total ta' €1000. Għalhekk, il-librerija intgħatat dehra aktar attrajenti biex tħajjar lir-residenti Siġġiwin jagħmlu użu minnha.

Ma setax jonqos li jinxtraw numru ta' kotba tal-qari, din id-darba b'diversi lingwi barranin għat-tfal, u kotba oħra ta' informazzjoni ġenerali, poeżija u litteratura li issa jinsabu fuq l-ixkafef għad-dispożizzjoni tar-residenti.

## Fond għaż-żamma u l-manutenzjoni ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern

Permezz ta' fondi taħt din l-iskema, sar tibdil tal-maġġor parti tat-tabelli tat-traffiku u ammont ta' mirja parabloċi, u sinjali tat-traffiku. Ġew installati żewġ *VMS signs* fi Triq Mons Mikiel Azzopardi biex jigwidaw lis-sewwieqa u juru l-veloċita li biha jkunu għaddejjin. Dawn l-inizjattivi għas-sigurta' tas-sewwieqa u min juża t-triq jammontaw għal aktar minn €75,000 taħt din l-iskema.

## Fondi mill-Kunsill Reġjonali Nofsinhar

Il-Kunsill ibbenefika wkoll minn fondi mill-Kunsill Reġjonali Nofsinhar, fosthom €1,000 biex iżejjen it-toroq fi żmien il-Milied. Il-Kunsill ħaseb ukoll biex joħloq atmosfera ferriħija u festiva f'dan iż-żmien partikolari ta' pandemija, jiżdied it-tinżin f'toroq oħra u anka ssir sistema ta' mużika fi Pjazza San Nikola, li ġiet milqugħa bi pjaċir mir-residenti u min jgħaddi mill-Pjazza. Dawn saru minn fondi lokali. Il-Kunsill ibbenefika wkoll minn €5,000 għal studju u proposti tat-traffiku bit-titlu '*Slow streets*', liema proposti għandhom jiġu kkunsidrati u eventwalment attwati fix-xhur li ġejjin.

## Programm 'Achievers'

Wara diversi posponimenti minħabba r-restrizzjonijiet, f'Diċembru ġiet organizzata attivita' sportiva taħt l-iskema Achievers. Dan sar ukoll b'kollaborazzjoni ma' Għaqdiet sportivi lokali li minn naħa tagħhom organizzaw '*family day*' fil-kumpless sportiv. Il-Kunsill ser jibbenefika ukoll minn €3,000 fondi għal inizjattiva sportiva li twassal messaġġ pożittiv għal eżerċizzju fiżiku biex ibiegħed mill-vizzji, b'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Sedqa u anka studenti mill-kors tas-saħħa li kienu fuq il-post jagħmlu testijiet mediċi tal-pressjoni u zokkor lil min attenda. F'din l-attivita' inġabru donazzjonijiet għad-Dar tal-Providenza.

## Skema 'LC Care'

Il-Kunsill ibbenefika wkoll minn €10,000 fi skema għal diversi inizjattivi favur l-annimali. Ġew installati *cctv cameras* fl-*outdoor gym* u anka fil-park ta' Għar Lapsi, u 3 *cat houses* f'postijiet fejn jinsabu ammont ta' qtates biex ikunu jistgħu jistkennu. Twaħħlu diversi sinjali edukattivi u anka sinjali tat-traffiku biex jissalvagwardjaw qtates tat-triq. Twaħħlu numru ta' kontenituri tal-iskart u anka *dog bins* mifruxa f'diversi toroq għal min joħroġ bil-kelb. B'kollaborazzjoni mal-*Cat feeders*, ammont ta' qtates setgħu jirċievu trattamenti mediċi u anka kura permezz ta' vouchers minn veterinarji. Ingħataw ukoll xkejjer ta' ikel għall-qtates lil *feeders* reġistrati. Barra minn hekk il-Kunsill irċieva numru konsiderevoli ta' *vouchers* għat-tiswija tal-qtates mill-Animal Welfare.

## Skema għal Attivitajiet Kulturali Annwali

Il-Kunsill applika b'suċċess għal fondi li ser jintużaw għall-attivita' tal-Mixgħela tas-Salib tal-Għolja 2022. Din l-attivita' ssir kull sena, b'kollaborazzjoni ma' diversi għaqdiet lokali. Attivita li saret sinonima mas-Siġġiewi u daħlet ukoll fil-kalendarju kulturali nazzjonali. Il-fondi approvati jammontaw għal €10,500.

## Proġetti fil-Komunita' – Fondi mill-LESA

Wara li l-Kunsill talab id-devoluzzjoni ta' biċċa art mitluqa fi Triq Mons Mikiel Azzopardi biex din tista tiġi mibdula f'Reading Garden u titgawda mir-residenti Siġġiwin, dan il-proġett ġie imressaq f'din l-applikazzjoni, fejn ġew approvati fondi bl-ammont ta' €81,000 biex jiġi attwat. Il-proġett qiegħed fil-fażi ta' permessi mill-awtoritajiet.

## Miżuri b'fondi tal-UE

Din is-sena ġie fi tmiem ix-xogħol infrastrutturali bi proġetti b'fondi tal-Unjoni Ewropea għal titjib tat-toroq rurali biex titjib l-aċċessibilita' tal-bdiewa, b'kollaborazzjoni ma' Infrastructure Malta. Investiment totali ta' €878,365 fejn ingħata wiċċ ġdid lil 7 toroq: Triq ta' Bur it-Tokk, Triq Wied Costa, Triq Bur ix-Xewk, Triq tas-Sruġ, biċċa minn Triq il-Fawwara, Sqaq in-Nadur u Triq Ta' Bellu.

Kompla l-proġett ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ taħt Miżura 4.4, proġett b'ammont ta' €173,000 fejn s'issa tlesta l-ħajt is-Salib tal-Għolja u Tal-Bajjada. Imiss xogħol fit-Triq Ta' Manduca, Fawwara, Lawrenti u Triq Lapsi. Dan il-proġett għandu jitlesta is-sena d-dieħla.

## Ħidma b'risq il-Patrimonju Siġġiewi

Il-Patrimonju tar-raħal tagħna is-Siġġiewi hu tant għal qalb u fuq quddiem nett tal-prijoritajiet tal-Kunsill Lokali is-Siġġiewi. Sa mill-bidu ta' din il-leġizlatura tlaqna bi programm ta' ħidma sabiex nassiguraw li l-patrimonju Siġġiewi jkun preservat u jsiru kemm possibli interventi ta' restawr sabiex nipproteġu l-patrimonju li għadna ngawdu sal-lum.

## Miżuri b'fondi tal-UE taħt Gal Majjistral

## Restawr Statwa San Nikola fil-Pjazza - Miżura 1

Bejn Lulju u Diċembru tal-2021 sar x-xogħol ta' restawr fuq l-Istatwa ta' San Nikola fil Pjazza, liema xogħolijiet saru permezz ta' Fondi Ewropej taħt Miżura 1 li l-Kunsill Lokali ibbenefika permezz tal-GAL Majjistral. Dawn ix-xogħolijiet ta' restawr saru mir-restawratur Stefano Sferrazzo li wettaq interventi kemm fuq l-istatwa kif ukoll il-pedestal tal-istess statwa li kien fl-aktar bżonn urġenti ta' interventi li

kien hemm bżonn li jsiru. Ix-xogħolijet mwettqa saru taħt is-suprevizjoni stretta tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali Malti u l-Perit tal-Kunsill Lokali is-Sur Neil Felice, filwaqt li qabel ingħata bidu għal dawn ix-xogħolijiet saret konsultazzjoni wiesgħa mal-Arċipriet Dun Josef Mifsud, il-Kleru u s-sotto-kumitat ekkleżjastiku tas-Siġġiewi responsabbli mil-patrimonju Siġġiewi. Il-proġett tlesta f'Diċembru u ġie inawgurat nhar il-Ħadd 12 ta' Diċembru f'ċerimonja fejn ħadu sehem iż-żewġ Għaqdiet tal-Banda Siġġiwin; il-Każin Banda San Nikola u s-Siġġiewi Brass Band. Li jonqos minn dan il-proġett hu dawl speċjalizzat li diġa nxtara mill-Kunsill sabiex idawwal b'mod iffukat l-istatwa, filwaqt pavimentar li se jsir mad-dawra tal-istatwa.

## Proġett Restawr Statwi Salib tal-Għolja

Aktar minn hekk il-Kunsill Lokali matul l-2021 beda jaħdem fuq proġett ta' restawr tal-istatwi li jinsabu mat-telgħa tas-Salib tal-Għolja, sett ta' vari li matul din is-sena se nkunu qed infakkru l-għeluq l-120 sena anniversarju mit-twaqqif tagħhom. F'April 2021 il-Kunsill Lokali qabel b'mod unanimu sabiex fin-nuqqas tal-attivita' tal-Mixgħela li s-soltu ssir fuq skala kbira nhar Ħamis ix-Xirka, kif ukoll bi qbil mal-Għadiet involuti, l-Każin Banda San Nikola u l-Għaqda Armar Siġġiewi, wasalna fi qbil sabiex għal din is-sena il-fondi li s-soltu jintużaw għal din l-attivita' jiġu investiti f'proġett ta' restawr ta' dawn l-istatwi tant għal qalb is-Siġġiwin.

Ix-xogħol ta' restawr fuq dawn l-istatwi bdew f'Settembru 2021 mir-restawratur is-Sur Melvin Gauci, b'xogħol fuq l-istatwa ta' Marija Addolorata u l-istatwa tar-Ruħ li tinsab fiż-zona ta' Bur il-Kbir. L-ewwel żewġ statwi ġew inawgurati fl-aħħar ta' Ottubur li li għadda, filwaqt li l-kumplament tax-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa tal-Ort tal-Ġetsemani, il-Marbut, L-Ecce Uomo u r-Redentur ser ikomplu x-xogħol ta' restawr fuqhom u jiġu inawgurati sal-aħħar ta' Marzu 2022.

Fil-bidu tal-2021 tlestew ix-xogħolijiet kollha fuq proġett ieħor ta' restawr li sar fuq tliet monumenti ta' personaġġi Siġġiwin, Patri Ġuże' Delia, Karmenu Vassallo u Pawlu Aquilina. L-interventi ta' restawr saru mir-restawratur is-Sur Aaron Camilleri Cauchi li fi ftit ġimgħat wettaq dan ix-xogħol ta' restawr fuq dawn it-tliet monumenti.

## Kappella tal-Lunzjata fis-Salib tal-Għolja

Matul l-2021 saru diversi laqgħat kemm mal-Ministeru responsabbli mill-Wirt Nazzjonali kif ukoll mad-Direttorat tar-Restawr sabiex insegwu l-interventi u t-testijiet li kienu qed jitwettqu fil-blat sabiex jippreservaw l-Kappella tal-Lunzjata li tinsab biswit is-Salib tal-Għolja. F'dawn il-laqgħat segwejna b'interess l-applikazzjoni li kien hemm mal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għal intervent ta' restawr fuq din il-Kappella storikament prestiġjuża li tinsab fil-periklu li tintilef darba għal dejjem. Kien il-Kunsill Lokali is-Siġġiewi lura f'April 2019 li ikkummissjona rapport minn espert sabiex ġie issuġġerit il-mod ta' kif għandu jsir intervent fuq din il-Kappella. Din il-proposta ġiet accettata u dan il-mudell ta' intervent qiegħed jiġi segwit u implimentat. Fortunatament kmieni din is-sena, l-Awtorita' tal-Ippjanar approvat il-peremss għax-xogħolijiet ta' restawr fuq din il-Kappella, fejn dawn ix-xogħolijiet issa mistennija jibdew fil-ġimgħat li ġejjin.

## Restawr Zuntier Knisja Arċipretali Siġġiewi

F'dawn l-aħħar snin il-Kunsill Lokali is-Siġġiewi segwa l-proċess li kien għaddej u anki is-sentiment ta' ħafna Siġġiwin li xtaqu jaraw liz-zuntier tal-parroċċa tagħna fl-istat li jixraqlu. Il-Kunsill Lokali kien involut f'numru ta' diskussjonijiet kemm mal-Arċipriet u l-Parroċċa San Nikola Siġġiewi kif ukoll mal-Perit Centorino, li kien maħtur minn Transport Malta sabiex jagħmel il-pjanti għal dan il-proġett ta' restawr. F'Ġunju 2021 il-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura imexxija mil-Ministru Ian Borg ħabbar li l-proġett ta' restawr ta' dan iz-zuntier kien ser jibda fi ftit tax-xhur oħra. F'Jannar 2022 inħareġ il-permess mill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex ix-xogħolijiet fuq dan iz-zuntier jibdew.

## Korsijiet u attivitajiet fiċ-Ċentru Ċiviku

Sfortunatament, is-sitwazzjoni tal-pandemija waqqfitna milli nkomplu norganizzaw il-korsijiet varji li r-residenti kienu jattendu bi ħġarhom għalihom. Għamilna dan biex naderixxu mar-restrizzjonijiet, iżda xorta investejna biex 'il quddiem ikollna iktar faċilitajiet biex inkunu nistgħu norganizzaw tagħlim u sezzjonijiet varji fil-binja.

Ġiet installata arja kundizzjonata fis-sala ta' fuq għal iktar kumdita kemm fil-ġranet tas-sajf u anka l-ġranet kesħin tax-xitwa. Inxtara wkoll *monitor* b'teknoloġija moderna bl-iskop ukoll li jiġu introdotti sezzjonijiet ta' storja u kultura meta s-sitwazzjoni tkun tippermetti.

F'Marzu ġie imniedi is-servizz Anzjanita' Attiva kull nhar ta' Tnejn fiċ-Ċentru Ċiviku fejn b'kollaborazzjoni mad-dipartiment tal-Anzjani kien qed isir koordinament għal sezzjonijiet ta' interess ġenerali fuq ħafna suġġetti fosthom is-saħħa, il-kura personali, tisjir u ikel bnin, sbuħija, ġardinaġġ, ħjata u tant suġġetti oħra. L-anzjani li jattendu kellhom il-possibilta' juri x' jafu u jgħallmu lill-oħrajn filwaqt li jorganizzaw diversi attivitajiet soċjali u kulturali. Sfortunatament dan is-servizz ukoll kellu jiġi sospiż minħabba r-restrizzjonijiet.

L-attivitajiet mill-anzjani li jattendu id-day centre ma waqfux, għalkemm xorta l-attendenza kienet ristretta. Komplew is-sezzjonijiet ta' żfin, eżerċizzju fiżiku, *crafts*, kitba ta' poeżiji u letteratura, attivitajiet tal-okkażjoni fosthom il-Milied, L-Għid, Jum l-Omm, San Valentinu u l-Karnival. Din id-darba setgħu jużaw it-teknoloġija moderna tal-*monitor*.

Barra dawn, il-Kunsill ħa sehem u kkoordina bosta attivitajiet oħra fosthom is-servizz tal-għoti tad-demm u l-*mobile dental clinic* u inizjattivi mediċi varji b'kollaborazzjoni mal-istudenti tal-mediċina. Attivita' oħra kienet in-nominazzjoni ta' Fr. Martin Micallef Direttur tad-Dar tal-Providenza għal Premju 'The European Citizen's Prize 2021'. Bħala Kunsill tqajmet kuxjenza fil-ġranet li jfakkru l-Pink October, Blue Movember, ME, CFS & Fibromyalgia, u l-International Epilepsy Awareness.

Saru sezzjonijiet tal-Happy Parenting kif ukoll ikkollabora fit-tqassim ta' laptops mal-MDIA fl-iskema 'Digital Connect'.

Din is-sena beda jopera wkoll miċ-Ċentru Ċiviku l-uffiċċju tas-servizz.gov, b'sieghat estensivi ħalli jkun iktar konvenjenti għar-residenti biex jinqdew. Dan is-servizz joffri wkoll postijiet u disponibilita' ta' *remote workspaces* għal ħaddiema taċ-ċivil.

Il-Kunsill qed jikkollabora wkoll mad-Dipartiment tas-Saħħa biex il-Berġa tingħata dehra iktar akkoljenti. Preżentament mill-berġa jingħata servizz ta' infermier, tabib, podoloġista u speech therapy. Il-Kunsill installa *airconditioners* ħalli min jinqeda u anka l-ħaddiema li jagħtu servizz daqstant utli jaħdmu f'kumdita'. Inkomplu ninsistu biex il-post jiġi rinnovat u jkun iktar akkoljenti kif xieraq.

## Proġetti ta' *Town Twinning* u proġetti *Erasmus+*

Il-Kunsill kien mistieden u pparteċipa fi Proġett ta' Town Twinning mal-villaġġ ta' Condro' fi Sqallija bis-suġġett *"Euroscepticism and the European Future"* , flimkien ma' diversi pajjiżi oħra Spanja, Ungerija, Slovakkja, Latvja u l-Italja.

Ipparteċipajna wkoll fil Programm Erasmus+ *"AskYouth: Exchange Experience on Structured Dialogue"* fejn erbgħa żgħażagħ qasmu l-esperjenzi tagħhom ma' oħrajn minn diversi pajjiżi Ewropej fil-Greċja. Ġew sottomessi appikazzjonijiet għal proġetti simili b'diversi suġġetti għas-sena d-dieħla.

## Investiment f'attivitajiet kulturali, u soċjali

### Attivitajiet Jum is-Siġġiewi 2021

Għal din is-sena l-Kunsill Lokali kien ħejja programm ta' attivitajiet assoċjati ma' Jum is-Siġġiewi 2021, fejn il-kunsill ħejja numru ta' attivitajiet fosthom il-Mertu Onorifiċenza Siġġiewi, Attivita' ambjentali ta' *Clean-up* u tħawwil ta' siġar kif ukoll attivita sportiva.

Minħabba l-fatt li fil-bidu ta' Marzu l-awtoritajiet tas-Saħħa kienu ħabbru numru ta' restrizzjonijiet fid-dawl tal-pandemija, dan il-programm kien ġie pospost għal aktar tard matul is-sena. Attivitajiet li kienu laħqu saru kienu attivita' ambjentali ta' tħawwil ta' siġar u attivita' ta' tindif ta' parti minn Wied Ħesri. Din l-attivita' kienet ġiet organizzata bejn il-Kunsill ta' Ħaż-Żebbuġ u dak tas-Siġġiewi.

Fllwaqt li saret quddies ta' ringrazjament fil-Parroċċa San Nikola fis-Siġġiewi fl-okkazjoni ta' Jum is-Siġġiewi, is-Serata Mertu Onorefiċenza kienet ġiet pospost għat-Tlieta 13 ta' Lulju 2021.

## Mozzjonijiet b'risq personaġġi Siġġiwin mressqa fl-2021

Matul din is-sena tressqu żewġ mozzjonijiet li sellmu lil żewġ personaġġi li ħallewna matul din is-sena. Dawn kienu l-mibki saċerdot Siġġiewi Dun Nicholas Cachia li ħallina nhar it-28 ta' Lulju 2021 u Prof Albert Fenech li ħallina nhar it-28 ta' Diċembru 2021.

Il-Mozzjoni dwar Dun Nicholas Cachia tressqet f'seduta tal-Kunsill Lokali is-Siġġiewi f'Awwissu li għadda, proponuta mis-Sindku, fejn pie propost li Dun Cachia jiġi mogħti ġieħ is-Siġġiewi *in absentia* f'Jum is-Siġġiewi 2022 filwaqt li l-proġett tar-Reading Garden fi Triq Mons Mikiel Azzoaprdi, meta jitlesta jingħata l-isem *ad* unur l-istess saċerdot Siġġiewi.

Intant tressqu żewġ mozzjonijiet oħra *ad* unur Prof Alfert Fenech, waħda mill-Viċi-Sindku Rodianne Haber u l-oħra mill-Kunsillier Julian Borg. Iż-żewġ mozzjonijiet sellmu il-memorja u s-servizz li ta b'risq is-Siġġiewi u Pajjiżna Prof Albert Fenech, fejn dawn il-mozzjonijiet proponew li jsir mafkar b'risq l-istess Prof Fenech. Waħda minn dawn il-mozzjonijiet proponiet li dan il-mafkar jsir biswit ir-residenza li kien jirrisjedi fiha Prof Albert Fenech.

## Mixgħela Ħamis ix-Xirka 2021

F'Ħamis ix-Xirka ta' din is-sena bħal kull sena il-Kunsill Lokali is-Siġġiewi flimkien mal-għaqdiet Każin Banda San Nikola u l-Grupp tal-Armar 6 ta' Diċembru organizzajna l-Mixgħela kemm fi Pjazza San Nikola kif ukoll fit-telgħa tas-Salib tal-Għolja.

Il-Grupp tal-Armar ħa ħsieb jorganizza l-mixgħel fil-Pjazza filwaqt li l-Każin tal-Banda San Nikola organizzaw il-mixgħela tradizzjonali mat-telgħa tas-Salib.

Minħabba li f'April 2021 kien hemm numru ta' restrizzjonijiet tal-Covid-19 fis-seħħ bħala Kunsill ħadna ħsieb nikkordinaw mal-Awtoritajiet tas-Saħħa u l-Pulizija sabiex dawn iz-zewġ attivtajiet setgħu jsiru skond ir-regolamenti li kien hemm fis-seħħ f'dak iż-żmien.

Il-Kunsill għen finazjarjament lil dawn iz-zewġ għaqdiet filwaqt li apparti mill-fondi li s-soltu jinħarġu sabiex tiġi ffinanzjata l-attvita fuq skala akbar, ġew iddediakti sabiex jsir ix-xogħol ta' restawr fuq il-Vari tas-Salib tal-Għolja li se jiġu inawgurati qabel l-Ġimgħa l-Kbira ta' din is-sena.

## Għajnuna lill-għaqdiet lokali

Din is-sena saret ukoll preżentazzjoni liż-żewġ għaqdiet sportivi Siġġiwin, is-Siġġiewi F.C. u Siġġiewi Basketball Club bħala impenn li nsaħħu l-klabbs sportivi fir-raħal filwaqt li nippromwovu aktar l-isport u l-attivitajiet fiżiċi fil-lokal.

Il-Kunsill ta ukoll l-appoġġ tiegħu lill-għaqda Siġġiewi Rowing Club fl-attivita' b'risq id-Dar tal-Providenza li saret f'Diċembru fiċ-Ċentru Ċiviku, kif ukoll lill-Għaqda tan-Nar fi spettaklu pirotekniku li ttella bejn l-aħħar tas-sena u l-bidu tas-sena l-ġdida.

## Proġetti ġodda ta' Spazzji Miftuħa

### Family Park Triq Salvu Borg Olivier

Matul l-2021 il-Kunsill Lokali kien impenjat fuq it-tfassil tal-pjanijiet u preparamenti għal 3 proġetti ġodda ta' spazji miftuħa ġewwa s-Siġġiewi.

Fil-bidu ta' 2021 il-Kunsill imbarka fuq proġett ta' riġenerazzjoni ta' Triq Salvu Borg Olivier, triq li tgħaqqad il-bidu tas-Siġġiewi ma' Triq Wied Qirda. Wara diversi konsiderazzjonijiet, ġie identifikat proġett bil-kunċett ta' Family Park, proġett li fih se jkun qed jinkorpora sit ta' mistrieħ għal dawk li jixtiequ jgawdu is-sbuħija naturali ta' din iż-żona. Se jkun jinvolvi wkoll trakka tal-ġiri, *skate-park*, *dog park* u *Cat Sanctuary*.

Wara diversi diskussjonijiet li kellna kemm mal-Ministeru tal-Ekonomija u l-INDIS, l-entita' li tmexxi l-amministrazzjoni tal-Parks Industrijali, sar ftehim ta' kooperazzjoni fejn ġie identifikat proġett bi qbil bejn iz-zewġ partijiet, fejn l-INDIS se tkun qed tiffinanzja l-ispiża tal-proġett, filwaqt li wara t-tkomplija tal-proġett, il-Kunsill Lokali se jkun qed jassumi ir-responsabbilta' taż-żamma u l-manutenzjoni ta' dan is-sit ta' spazju miftuħ ġdid fis-Siġġiewi.

Bħalissa dan il-proġett jinsab fi stadju ta' applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Hekk kif il-peremss jinħareġ, isegwi l-proċess tat-*tendering* u eventwalment jibdew x-xogħolijiet fuq dan il-proġett.

### Proġett Reading Garden

Proġett ieħor ta' Spazju miftuħ ġdid li komplejna naħdmu fuqu din is-sena hu dak tar-Reading Garden ġewwa Triq Mons Mikiel Azzopardi.

Is-sit għal dan il-proġett ġie identifikat lura fl-2020 meta l-Kunsill Lokali is-Siġġiewi kien ġie mitlub mill-Awtorita' tal-Artijiet jekk hux interessat jamministra dan l-porzjon ta' art fi Triq Mons Mikiel Azzopardi.

Minn dakinhar il-Kunsill Lokali permezz tal-Perit tiegħu fassal l-pjanti għal dan il-proġett, filwaqt li fl-istess żmien il-Kunsill Lokali ibbenefika minn €64,000 ewro b'mod bejn il-LESA u L-Assoċjazjoni tal-Kunsill Lokali li minn dan il-fond se nkunu qegħdin niffinazjaw il-proġett ta' dan il-ġnien.

Intant f'Jannar daħlet l-applikazzjoni għal izvillup ta' dan il-proġett għand l-Awtorita' tal-Ippjanar. Hekk kif il-peremss jinħareġ, aktar tard din is-sena jibdew ix-xogħolijiet fuq dan il-ġnien ġdid pubbliku ġewwa s-Siġġiewi, li wara li tressqet mozzjoni f'Awissu li għadda sabiex dan l-istess ġnien jiġi msemmi b'tifkira tal-mibki saċerdot Siġġiewi Dun Nicholas Cachia, dan il-ġnien se jingħata l-isem għal dan is-saċerdot għaiziz Siġġiewi minn meta jiġi inawgurat.

## Proġett Komunitarju (flimkien ma' Malta Foundation for the Well-Being of Society)

Dan hu proġett li l-ħidma għaliħ bdiet minn Marzu 2020 hekk kif bdew diskussjonijiet bejn il-Kunsill Lokali Siġġiewi u l-Malta Foundation for the Well Being of Society, flimkien ma' numru ta' Ministeri li inizjalment kienu nvoluti f'din l-inizjattiva sabiex is-Siġġiewi jkun wieħed mil-lokalitajiet li jippartecipaw f'dan il-proġett.

Infatti b'suċċess il-Kunsill Lokali tagħna ġie uffiċjalment magħżul bħala wieħed mill-parteċipanti fejn se jkun qed isir proġett ta' spazju miftuħ fi-żona tal-Binja tal-Gvern ta' Ramija. Dan hu proġett b'kunċett innovattiv hekk kif kien hemm b'mod kontinwu l-*input* tat-tfal li ġejjin minn diversi skejjel li bl-ideat ta' kull wieħed u waħda minnhom ġew imfassla dawn il-proġetti.

Dan seħħ ukoll fis-Siġġiewi fejn dan il-proġett ġie mfassal ukoll peremzz ta' ideat li t-tfal għaddewlna. Dan il-proġett bħalissa jinsab fi stadju ta' applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar u hekk kif jinħareġ il-permess ix-xogħolijiet fuq dan il-proġett jibdew f'din iż-żona ukoll.

Saret ukoll talba mill-Kunsill biex isir xogħol ta' bini mill-ġdid ta' diversi toroq fosthom Triq il-Parroċċa u Triq San Nikola, parti minn Triq Mons, Mikiel Azzopardi, Triq Annabelle Vassallo u Triq l-Imqabba, u anka diversi toroq għall-aċċessibilta' għal bdiewa fiż-żona rurali.

## Xogħolijiet ta' Manutenzjoni żoni pubbliċi

Matul l-2021 il-Kunsill Lokali kompla għaddej b'ħidma ta' manutenzjoni ta' spazji miftuħa eżistenti u positjiet oħra pubbliċi madwar is-Siġġiewi.

Tkomplew ix-xogħolijiet ta' *upgrading* u manutenzjoni fl-Outdoor Gym fi Triq Mons F.X. Mangion fejn saret trakka ġdida tal-ġiri filwaqt li sar *upgrading* ġenerali ta' dan il-ġdid, bi bdil ta' bankijiet ġodda, xogħol ta' zebgħa u manutenzjoni ġenerali filwaqt li ġew installati 8 CCTV cameras ġodda, b'fondi mir-Reġjun tan-Nofsinhar sabiex inżidu s-sigurta' f'din iż-żona tal-lokalita' tagħna.

Saru wkoll xogħolijiet ta' manutenzjoni fil-Playing fields Nalizperla fi Triq it-Tabib Nikola Zammit kif ukoll fil-Bandli ta' Għar Lapsi fejn din is-sena ntefqu eluf ta' ewro f'manutenzjoni f'dawn iz-zewġ siti sabiex inżommuhom f'kundizzjoni tajba, sabiħa u fuq kollox sigura.

Matul l-2021 saru xogħolijiet oħra ta' manutenzjoni fuq spazji miftuħa oħra madwar is-Siġġiewi, fosthom fi Ġnien il-Ħajja li jinsab fejn Binja Ħesri, Ġnien fi Triq is-6 ta' Diċembru u manutenzjoni ġenrali f'diversi żoni madwar is-Siġġiewi u infrastrutturali bħal dawk ta' *roundabouts*, tiswijiet ta' bankini u tindif ta' diversi żoni.

Permezz tal-Ħaddiema tal-Works Department saru wkoll diversi xogħolijiet fosthom fuq bini ta' ċnut ġodda fil-parkeġġ pubbliku ta' Għar Lapsi u installar ta' *bollards* fi Triq prinċipali li tagħti għall-Bajja ta' Għar Lapsi sabiex nillimitaw l-aċċess lil vetturi kbar milli jarmu skart tal-kostruzzjoni fil-Wied li jinsab fuq ix-xaqliba ta' Għar Lapsi.

L-ispiża għal dan il-proġett saret mill-Kunsill Lokali, filwaqt li x-xogħol tagħhom sar minn 2 impjegati li ta' kull sena jkunu assenjati mir-Reġjun Nofsinhar sabiex iwettqu xi xogħolijiet fil-lokalita' tagħna u f'kull lokalita' li tifforma parti minn dan ir-Reġjun.

## Ambjent

Il-Kunsill wettaq b'diliġenza l-obbligu tiegħu tal-ġbir regolari tal-iskart domestiku kemm skart imħallat kif ukoll l-iskart riċiklabbli, organiku u skart goff. Tul is-sena irriżulta f'żieda sostanzjali tal-ammont ta' skart separat, b'hekk naqas l-iskart imħallat. Biex jagħti inċentiv lir-residenti, il-Kunsill b'kollaborazzjoni mal-GreenMT u Wasteserv qassam boroż tal-iskart organiku u tal-iskart riċiklabbli b'xejn lir-residenti. Il-Kunsill għen ukoll fit-tqassim ta' bins b'xejn biex ir-residenti jisseparaw l-iskart f'darhom.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għaddej b'kampanja kontinwa għal ambjent aktar sostenibbli biex jitgawda mis-Siġġiwin u mhux biss. Bħala parti mix-xogħol ta' kuljum, permezz ta' kuntratti tas-servizzi li jiġu provduti għal ġbir ta' skart skond l-iskeda, il-Kunsill għaddej b'ħidma kontinwa ta' tindif miż-żona rurali, speċjalment ir-rimi illegali ta' skart goff fil-kampanja u anka ammont kbir ta' terrapien.

B'kollaborazzjoni mal-GreenMT ġew identifikati tlett siti oħra biex jitpoġġew iktar *bring-in-sites* skond il-leġislazzjoni. Dawn huma, Triq Patru Ġuże Delia, Triq Wied Hesri u Triq Mons FX Mangion. Dawn is-siti ġew maħsuba biex jintlaqtu l-areas kollha tas-Siġġiewi u b'hekk l-ammont ta' skart separat jinqasam f'iktar siti mentri bħalissa qiegħed ikkonċentrat kollu f'sit wieħed li mhux ilaħħaq mad-domanda. Bħala parti mill-iskema qed jiżdiedu wkoll *cameras* li ser jiġi sorveljati kontinmwament mil-LESA u jinħarġu s-sanzjonijiet lil min jikser il-liġi.

Il-Kunsill Lokali joffri servizz mingħajr ħlas għal ġbir ta' skart goff *door-to-door*. Għalkemm dan is-servizz jiġi offrut b'xejn lir-residenti, il-Kunsill iħallas €4.74 għal kull booking li jirċievi, bi spiża totali ta' kważi €40,000 bejn Jannar u Diċembru 2021. Għalkemm dan is-servizz huwa popolari ħafna mar-residenti u ħafna jagħmlu użu minnu, xorta għad hawn problema enormi ta' rimi ta' skart illegali fil-kampanja. Dan l-abbuż jinvolvi lill-Kunsill ħafna xogħol u spejjeż żejda li jistgħu jintużaw f'affarijiet oħra.

Il-Kunsill joffri regolarment dawn is-servizzi ta' tindif:

- Knis tat-toroq urbani
- Tindif u qtugħ ta' ħaxix fiż-żona rurali
- Manutenzjoni u żamma tal-ġonna pubbliċi
- Manutenzjoni u tindif tal-lattrini pubbliċi
- Tindif *extra* tal-bajja ta' Għar Lapsi fis-Sajf

Din is-sena in-nefqa għal tindif taż-żona rurali kienet toqrob il-€50,000 għal tindif mill-kuntrattur tal-Kunsill. Minbarra dan, il-Kunsill isib kollaborazzjoni sħiħa mid-Dipartiment tat-Tindif għal tindif kontinwu speċjalment ġbir ta' terrapien li jintrema fil-kampanja u fil-widien.

Spiża ta' kważi €60,000 marret għal knis tat-toroq urbani kif ukoll għal ħasil tal-Pjazza u t-toroq tal-madwar għal ħabta ta' Ġunju (normalment wara l-festa). Dan jinkludi wkoll it-tbattil regolari tal-bins kollha tat-toroq kif ukoll tal-ħmieġ tal-klieb.

Matul din is-sena l-Kunsill żied ammont sostanzjali ta' siġar u arbuxelli fl-ispazji pubbliċi b'kollaborazzjoni kemm ma' Insfrastructure Malta kif ukoll mad-Dipartiment tal-Ambjent. Il-manutenzjoni u tisqija kontinwa tal-ġonna u t-tindif tagħhom għal din is-sena swiet €28,000.

Tul is-sena, il-ġbir ta' skart imħallat (borża s-sewda) u l-iskart organiku (borża l-bajda) sewa lill-Kunsill total ta' €75,000, li €35,000 minnhom (il-ġbir tal-borża l-bajda) jiġi rifuż minn Wasteserv. Il-Kunsill ħallas ukoll €54,000 lil Wasteserv għal *tipping fees*.

Mill-1 ta' Diċembru 2021 kien hemm bidla fis-servizz tal-ġbir ta' skart tal-organic u l-borża s-sewda fejn il-ħaddiema tal-Kunsill b'mod partikolari b'kollaborazzjoni mal-Kuntrattur ħadmu sabiex din it-transizzjoni minn kollettur għall-kollettur il-ġdid tkun waħda mingħajr effetti fuq ir-residenti..

Impjegat speċifiku illum il-ġurnata jsegwi dan is-servizz ta' kuljum, fejn jirċievi u jgħaddi l-ilmenti li jidħlu kemm mill-Kunsilliera kif ukoll mir-residenti in ġenerali.

Matul l-2021 saru wkoll xogħolijiet ta' ġbir u tindif ta' skart tal-kostruzzjoni u skart ieħor. Dan ix-xogħol sar b'mod frekwenti mill-impjegati tal-Cleansing Department li wettqu numru kbir ta' xogħol ta' tindif matul din is-sena.

Aktar minn hekk ġie iffirmat Memorandum of Understanding bejn il-Kunsill Lokali tagħna u l-Malta Cleansing Department fejn apparti xogħolijiet li jwettqu matul is-sena, jiġu identifikati numru ta' żoni urbani fil-lokalita tagħna, bħal Triq Mons Mikiel Azzoaprdi (Bypass), Triq li tagħti għal Għar Lapsi, Triq Panoramika li tagħti minn Għar Lapsi għal Wied iż-Zurrieq, l-entratura tas-Siġġiewi u żoni oħra madwar il-lokalita' tagħna.

Matul is-sena saru diversi xogħolijiet oħra ta' tindif mill-ħaddiema tal-Parks Malta, fosthom fl-entratura tas-Siġġiewi, fil-Wied ta' Għar Lapsi u dak ta' Brija.

Matul l-2021 saru wkoll tliet attivitajiet ta' *Clean-up events* madwar is-Siġġewi. Dawn saru:

- 20 ta' Marzu 2021 – Tħawwil ta' siġar ġodda f'Wied Ħesri filwaqt li saret tindifa ta' parti mill-Wied sabiex ikun aċċess aħjar għal ilma li jgħaddi mill-Wied;
- 7 ta' Mejju 2021 – Clean-up Event li ġie organizzat flimkien mal-għaqda volontarja 7R fejn sar xogħol ta' tindif ġewwa l-Bajja ta' Għar Lapsi;
- 6 ta' Novembru 2021 – Attivita' ambjentali fejn sar tħawwil ta' siġar ġodda f'Għar Lapsi u ġbir tal-loqom tas-sigaretti fil-Bajja ta' Għar Lapsi.

## Miżuri ta' sigurta' fit-toroq tagħna u investiment fl-infrastuttura

Matul din is-sena l-Kunsill impenja ruħu sabiex jittieħdu aktar miżuri sabiex nassiguraw aktar sigurta fit-toroq tagħna.

Is-sotto-kumitat li jaħdem b'risq l-immaniġjar aħjar tat-traffiku u s-sigurta fil-lokalita' wettaq eżerċizzju fejn qassam il-lokalita' f'diversi partijiet, fejn qed jsir eżerċizzju ta' *traffic management systems* ġodda, intiżi sabiex itejjbu l-flow tat-traffiku u l-aċċess għal dawn iż-żoni fis-Siġġiewi għar-residenti.

L-ewwel pjan se jiġi implimentat fl-ewwel nofs ta' din is-sena, partikolarment fiż-żona ċentrali li tmiss mal-Pjazza tal-Lokalita, Triq Dun Manuel Zammit, kif ukoll iż-żona ta' Kirċippu u l-parti li tmiss mal-Bypass.

Aktar minn hekk qed ikompli jitwettaq eżerċizzju fejn qed jinbidlu sinjali tat-traffiku li kienu waslu biex jinbidlu għal oħra ġodda filwaqt li sar ħafna xogħol ta' *refreshing* ta' sinjali tat-traffiku madwar il-lokalita'.

Intant sar investiment ukoll fejn jirrigwarda *Speed Limits* bl-introduzzjoni ta' *speed detectors* fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi, (ħdejn il-monument tiegħu fil-Bypass) kif ukoll fil-bidu ta' Triq Santa Margerita, intiżi sabiex jindikaw l-veloċita' li vettura tkun għaddeja.

Matul l-2021 saru x-xogħolijiet ta' servizzi ġodda u asfaltar ta' triq li tagħti għal Bajja ta' Għar Lapsi, proġett li twettaq minn Infrastructure Malta. Matul l-perkors ta' dawn ix-xogħolijiet il-Kunsill ikkordina flimkien ma' Transport Malta sabiex jiġu introdotti miżuri ta sigurta f'din it-triq sabiex niggarantixxu sigurta akbar lis-sewwieqa li jagħmlu użu minn din it-triq.

Il-Kunsill Lokali permezz tas-Sotto-Kumitat responsabbli mill-immaniġjar tat-traffiku identifika sitt zoni partikolari madwar is-Siġġiewi fejn hemm bżonn li jsiru talbiet għal espropjazjonijiet intiżi sabiex intejbu l-konnettivita bejn żoni w'oħra fil-lokalita' tagħna.

F'dan ir-rigward diġa hemm diskussjonijiet għaddejin ma' Infrastructure Malta u Transport Malta filwaqt li dawn it-talbiet qegħdin jiġu evalwati b'mod individwali.

## Xogħol ta' tindif fiz-zoni tal-Housing Estates fis-Siġġiewi

B'kollaborazzjoni mal-Awtorita' tad-Djar din is-sena saru aktar xogħolijiet ta' tindif fil-bini tal-Gvern fis-Siġġiewi, kemm dak f' Ramija kif ukoll dak ta' Binja Ħesri. Dawn ix-xogħolijiet ġew assenjati minn ħaddiema tal-istess awtorita u ħaddiema oħra ġejjin minn Dipartimenti tal-Gvern. Dawn ix-xogħolijiet huma intiżi sabiex iżommu iż-żoni komuni ta' dawn l-appartamenti indaf, fejn saru wkoll xi xogħolijiet ta' manutenzjoni li ġew irraportati lil istess Awtorita' responsabbli.

## Kuntatt mar-residenti

Il-Kunsill qed juża diversi mezzi biex iżomm kuntatt kontinwu mar-residenti. Mezz effettiv huwa l-paġna uffiċjali tal-Kunsill Lokali Siġġiewi fuq il-pjattaforma ta' Facebook, li tiġi aġġornata kontinwament. Ir-residenti jagħmlu użu mil-messaġġi privati ta' din il-pjattaforma sabiex jwasslu l-ilmenti tagħhom li jiġu segwiti u mwieġba. Is-seduta tal-Kunsill tiġi imxandra permezz tal-*live streaming*. Fil-ġimgħat li ġejjin ser tinħareġ newsletter biex ir-residenti jżommu ruħhom aġġornati dwar il-ħidma tal-Kunsill.

Matul is-sena, jekk is-sitwazzjoni tippermetti, l-Kunsill ikollu diversi kuntatti mal-għaqdiet tal-lokal biex dawn jiġu involuti f' attivitajiet li jsiru matul is-sena.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi iwiegħed li jkompli jmexxi b'governanza tajba l-fondi pubbliċi allokati lilu, biex jintefqu bl-iktar mod effettiv, effiċjenti u transperanti possibbli u biex jiżgura valur għall-flus. Jikkommetti li jwettaq ħidma kontinwa biex jaqdi l-funzjonijiet provduti lilu biex itejjeb il-ħajja tar-residenti Siġġiwin, u joħloq ambjent denju għal lokalita' aħjar, li jaħdem għall-benefiċċju tal-lokalita' b'mod ġenerali mingħajr diskriminazzjoni.

## Pjan ta' Ħidma 2022

### Bidu ta' ħdima taħt Reġjun Ġdid tal-Punent

B'effett mill-1 ta' Jannar 2022 il-Kunsill Lokali is-Siġġiewi beda jifforma parti mir-Reġjun Punent, Reġjun ġdid li ġie inkluż ma' Reġjun oħra bħal dak tat-Tramuntana mill-bidu ta' din is-sena. F'dan ir-Reġjun il-Kunsill Lokali jkun irrapreżentat mis-Sindku fejn ta' kull xahar issir laqgħa fejn tiġi diskussa l-ħidma ta' dan ir-Reġjun.

L-ewwel laqgħa ta' dan ir-Reġjun saret nhar il-Ġimgħa 28 ta' Jannar fejn ġie uffiċjalment maħtur l-ewwel President tar-Reġjun is-Sur Sandro Azzopardi. Wara din l-ewwel seduta bdew il-preparamenti sabiex jitwaqqaf dan ir-Reġjun u jkun jista jopera, bħal twaqqif ta' ufficju ġdid, ħatra ta' impjegati u uffiċjali, etc.

Permezz tas-sehem tal-Kunsill tagħna f'dan ir-Reġjun il-Kunsill jkollu l-possibilta' li japplika għal skemi u proġetti intiżi f'diversi setturi li minnhom jibbenefika is-Siġġiewi.

## Proġett Riġenerazzjoni Pjazza San Nikola fis-Siġġiewi

F'Marzu 2022 se jingħata bidu proċess ta' konsultazzjoni dwar proġett ta' Riġenerazzjoni ta' Pjazza San Nikola fis-Siġġiewi. Wara numru ta' snin ta' diskussjonijiet, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi se jkun qiegħed jieħu l-inizjattiva sabiex jibda proċess ta' konsultazzjoni u diskussjonijiet sabiex jiġi iddentifikat l-proġett li jixraq lil din il-Pjazza tant għażiża għalina is-Siġġiwin. F'dawn l-aħħar xhur il-Kunsill Lokali kien qiegħed jaħdem fuq numru ta' proposti imfassla mill-istess Perit tal-Kunsill sabiex dawn jersqu għad-diskussjoni. Intant, il-pjanijiet proposti se jkunu jinkludu wkoll pjanijiet aġġornati ta' *traffic management* għat-toroq li jmiss mal-Pjazza, sabiex intejjbu l-konnettvita' u l-immaniġġjar tat-traffiku jkun aktar effiċjenti kemm fil-Pjazza kif ukoll fiċ-ċentru tal-lokalita' tagħna. F'dan ir-rigward se tkun qed jsir proċess ta' konsultazzjoni mas-Siġġiwin sabiex jkunu nfurmati b'dan il-proġett filwaqt li nħarsu l-quddiem sabiex nismgħu l-proposti tagħhom f'dan ir-rigward.

## Proġett ta' Spazzji Miftuħa ġodda

Matul din is-sena l-Kunsill Lokali se jkompli b'kontinwazzjoni tal-ħidma li nbidiet fl-2021 dwar 3 proġetti ta' spazji miftuħa li wieħed jsib fil-lokalita tagħna.

## Proġett Reading Garden – Triq Mons Mikiel Azzopardi

Fil-preżent qegħdin nistennew l-approvazzjoni tal-applikazzjoni għal-proġett tar-Reading Garden fi Triq Mons Mikiel Azzopardi. Ġnien li se jkun qed jagħti l-opportunita' lir-residenti li jgħixu fil-viċinanza sabiex igawdu dan il-ġnien, filwaqt li jintlaħaq bilanċ bejn it-traffiku li jgħaddi mit-triq biswit dan il-ġnien. Eventwalment kif dan jinħareġ jibda x-xogħol fuq it-tendering u x-xogħolijiet fuq dan il-proġett li se jiġi ffinanzjat minn fond tal-LESA u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li bbenefika minnu l-Kunsill tas-Siġġiewi. Ix-xogħolijiet fuq dan il-proġett mistennija jibdew sa mhux aktar tard minn nofs din is-sena.

## Proġett Family Park – Triq Salvu Borg Olivier

Rigward dan il-proġett f'Ottburu 2021 ġie ppreżentat ftehim li ġie maqbul fuq livell ta' Kunsill Lokali flimkien mal-INDIS li hi l-entita' responsabbli mill-immaniġġjar tas-siti industrijali f'pajjizan sabiex jsir proġett ambjentali b'kollaborazzjoni bejn iż-żewġ partijiet permezz tal-kunċent ta' Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier. Dan il-proġett se jkun qiegħed jibdel kontiwament din iż-żona minn waħda dilapdiata għal proġett li minnu se jgawdu r-residenti u l-familji kollha Siġġiwin. Fil-preżent dan il-proġett jinsab fi stadju ta' applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar filwaqt li għaddejjin ix-xogħolijiet fuq il-preparamenti minn naħa tal-INDIS. Intant filwaqt li l-ftehim bejn l-INDIS u l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jikkonferma li l-finanzjament ta' dan il-proġett se jkun qed jsir mill-INDIS, wara li l-proġett ikun tlesta, ir-responsabbilta' għal manutenzjoni u ż-żamma tiegħu se tkun f'idejn il-Kunsill Lokali Siġġiewi. Ix-xogħolijiet fuq dan il-proġett mistennija jibdew sa nofs din is-sena.

## Proġett Komunitarju – Binja tal-Gvern Ramija

Dan il-proġett diġa ġie mniedi fi Frar 2022 u li se jkun qed jara it-twaqqif ta' proġett ġdid ta' spazju miftuħ li se jibbenefika minnu s-Siġġiewi. Dan hu proġett li l-ħidma għaliħ bdiet minn Marzu 2020 hekk kif bdew diskussjonijiet bejn il-Kunsill Lokali Siġġiewi u l-Malta Foundation for the Well Being of Society, flimkien ma' numru ta' Ministeri li inizjalment kienu nvoluti f'din l-inizjattiva sabiex is-Siġġiewi jkun wieħed mil-lokalitajiet li jipparteċipaw f'dan il-proġett. Infatti b'suċċess il-Kunsill Lokali tagħna ġie uffiċjalment magħżul bħala wieħed mill-parteċipanti fejn se jkun qed isir proġett ta' spazju miftuħ fi-żona tal-Binja tal-Gvern ta' Ramija. Dan hu proġett b'kunċett innovattiv hekk kif kien hemm b'mod kontinwu l-input tat-tfal ġejjin minn diversi skejjel li bl-ideat ta' kull wieħed u waħda minnhom ġew imfassla dawn il-proġetti. Dan seħħ ukoll fis-Siġġiewi fejn dan il-proġett ġie mfassal ukoll peremzz ta' ideat li t-tfal għaddewlna. Dan il-proġett bħalissa jinsab fi stadju ta' applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar u hekk kif jinħareġ il-permess ix-xogħolijiet fuq dan il-proġett jinbdew f'din iż-żona ukoll. Fil-preżent dan il-proġett jinsab fi stadju avvanzat ta' applikazjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar filwaqt li x-xogħol mistenni jibda fi ftit tal-ġimgħat oħra.

## Ħidma fuq aktar Sigurta' fuq it-toroq tagħna

Matul din is-sena l-Kunsill Lokali flimkien mas-sotto kumitat responsabbli mill-Immaniġjar tat-Traffiku u s-Sigurta' fit-toroq se jkompli għaddej bil-ħidma fejn se naraw li jiġu implimentati aktar mizuri intiżi biex itejbu l-aċċess tat-traffiku fil-lokalita' tagħna filwaqt li jkollna toroq aktar siguri. Fil-ġimgħat li ġejjin se jkun qiegħed jiġi mħabbar pjan intiż biex jilħaq dan l-iskop. Intant se nkomplu nikkollaboraw ma' diversi entitajiet intiżi, fosthom Transport Malta sabiex jiġu introdotti aktat miżuri ta' sigurta' fl-aktar toroq traffikużi li għandna fir-raħal. Qiegħed jiġi mħejji pjan ukoll sabiex tiġi indirizzata is-sitwazzjoni ta' sigurta' madwar l-iskola, b'mod partikolari matul il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tal-istess studenti mill-Iskola.

## Proġett Night Shelter għall-Anzjani

Fl-aħħar ġimgħat il-Kunsill Lokali kien involut f'diversi laqgħat sabiex jiġi rijattivat il-proċess sabiex jibdew ix-xogħolijiet fuq l-proġett ta' Night Shelter għall-Anzjani Siġġiwin ġewwa ċ-ċentru Ċiviku. Fil-ġimgħat li ġejjin il-Kunsill se jkun qed jagħti bidu għal dawn ix-xogħolijiet fuq dan il-proġett tant importanti għal komunita' Siġġiwija.

## Investiment fl-Infrastruttura u t-toroq tagħna

Dan ix-xahar bdew xogħolijiet ta' mgħoddija ta' sistemi ġodda u asfaltar ġdid ta' Triq San Nikola (minn ħdejn il-Madonna saz-zuntier tal-Knisja) kif ukoll ta' Triq il-Parroċċa (minn ħdejn quddiem il-Knisja sal-Pjazza ta-Bieb San Ġwann, inkluza wkoll). Dawn ix-xogħolijiet qegħdin jsiru minn Infrastructure Malta wara talba formali li saret mill-Kunsill Lokali f'laqgħa f'Novembru 2021. Intant qed nistennew li jsiru aktar interventi ta' manutenzjoni ta' Triq Santa Margerita, triq prinċipali oħra fis-Siġġiewi filwaqt li mistenni jsir ix-xogħol ta' asfaltar fuq il-kumplament tal-Bypass fis-Siġġiewi, hekk kif l-istess entita wettqet xogħolijiet ta' *resurfacing* tal-ewwel parti ta' din it-Triq f' Diċembru 2019.

## Restawr ta' Monumenti u Ħarsien tal-Patrimonju Siġġiewi

### Restawr Statwi Salib tal-Għolja

Din is-sena kompla għaddej ix-xogħol fuq il-proġett ta' restawr tal-Istatwi tas-Salib tal-Għolja, xogħol li qed jsir mir-restawratur is-Sur Melvin Gauci. Dan il-proġett se jkun kollu lest mir-restawr sa' April li ġej u jiġi inawgurat fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa, li se jkun jinkludi r-restawr ta' sitt statwi li jinsabu mat-telgħa tal-Għolja, inkluza l-istatwa tar-Ruħ li tinsab fiz-zona ta' San Nikola tal-Inbid.

### Restawr ta' monumenti Siġġiwin

Matul din is-sena se jsir aktar xogħol ta' restawr u manutenzjoni fuq numru ta' monumenti Siġġiwin, fosthom dawk ta' Dott. Nikola Zammit, Monument tal-Vittmi tal-Gwerra, l-Arblu tal-Kunsill fi Triq Mons Mikiel Azzopardi u l-lapida ta' Ferdinand von Hompesh.

### Restawr ta' Niċeċ

Din is-sena se jsir ukoll restawr fuq numru ta' niċeċ fosthom dawk tar-Redentur u d-Duluri li jinsabu biswit il-Mitħna fi Triq Santa Margerita, filwaqt li se jsir intervent ta' restawr fuq in-Niċċa tad-Duluri li tinsab lil hinn miċ-ċimiterju tas-Siġġiewi fi Triq Blat il-Qamar.

### Bidu tax-xogħol ta' Restawr fuq iz-Zuntier tal-Knisja Parrokjali

Hekk kif imħabbar f'Ġunju 2021 mill-Ministeru tat-Trasport, wara snin ta' stennija se jkun qed jingħata bidu għal xogħol ta' restawr fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokjali tas-Siġġiewi wara li fl-aħħar snin il-Perit Centorino kien fassal il-pjan ta' restawr għal dan iz-zuntier. F'Jannar 2022 l-Awtorita' tal-Ippjanar approvat dawn ix-xogħolijiet, filwaqt li fil-preżent għaddejin il-preparamenti sabiex jiġi mħejji t-tender sabiex x-xogħol fuq iz-zuntier jibda fil-ġimgħat li ġejjin.

### Restawr Kappella Lunzjata Salib tal-Għolja

Aktar kmieni din is-sena f'Jannar 2022 kellna l-aħbar sabiħa li l-Awtorita' tal-Ippjanar approvat l-interventi ta' restawr li mistennija jsiru fuq il-Kappella tal-Lunzjata fuq is-Salib tal-Għolja. Dan ix-xogħol issa hu approvat filwaqt li d-Direttorat tar-Restawr se jkun inkarigat li jwettaq dawn ix-xogħolijiet. F'dawn l-aħħar snin il-Kunsill Lokali is-Siġġiewi wettaq pressjoni fuq l-awtoritajiet kkonċeranti sabiex jsir l-intervent li kellu bżonn li jsir b'mod urġenti fuq din il-Kappella. Kien propju f'April 2019 li l-Kunsill Lokali ikkummissjoni li jsir rapport li jidentifka l-interventi u l-metodi ta' restawr li kellhom jsiru.

### Korsijiet ta' taħriġ u Edukazzjoni

Matul din is-sena il-Kunsill se jkompli jimpenja ruħu sabiex joffri aktar korsijiet f'diversi areas u suġetti ta' interess ġenerali li s-Siġġiwin se jkunu jistgħu jipparteċipaw fihom.

Aktar minn hekk se nkomplu nikkollaboraw mill-qrib mal-Iskola Primarja tas-Siġġiewi sabiex jsiru aktar inizjattivi li minnhom jibbenefikaw it-tfal u ż-żgħażagħ Siġġiwin.

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**Attivitajiet Kulturali**

**Jum is-Siġġiewi 2022**

Fl-okkażjoni ta' Jum is-Siġġiewi ta' din is-sena il-Kunsill Lokali fassal programm ta' attivitajiet sabiex jiġi iċċelebrat Jum is-Siġġiewi ta' din is-sena.

Fost dawn se jiġu organizzati:

- Attivita' Ambjentali (Tħawwil ta' siġar u clean-up event – Ta' Brija / Salib tal-Għolja);
- Quddies ta' Ringrazzjament fl-okkażjoni ta' Jum is-Siġġiewi;
- Wirja ta' ritratt personaġġi Siġġiwin (Arkivji Nazzjonali) matul in-nofstanhar ta' filgħodu;
- Attivita' Sportiva flimkien ma' Siġġiewi FC, Basketball Club & Siġġiewi Rowing;
- Inawgurazzjoni Restawr Vari Salib tal-Għolja
- Serata u l-għoti tal-Unur Onorfiċienza Mertu Siġġiewi 2022

**Mixgħela Ħamis ix-Xirka 2022**

Għal sena oħra il-Kunsill Lokali is-Siġġiewi se jkun qiegħed itellgħa attivta' u spettaklu ta' mixgħela ta' fjakkoli kemm fi Pjazza San Nikola kif ukoll fit-telgħa tas-Salib tal-Għolja. Il-Grupp tal-Armar 6 ta' Diċembru se jkun qed jieħu ħsieb il-mixgħela tal-fjakkoli fil-Pjazza filwaqt li l-Każin Banda San Nikola se jkun qed jieħu ħsieb il-mixgħela is-Salib tal-Għolja. Din is-sena din il-mixgħela se ssir nhar il-Ħamis 14 t'April 2022 nhar Jum Ħamis ix-Xirka.

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv

Dominic Grech
Sindku

Rapport imressaq u approvat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi f'Seduta numru 420 tal-11t'April 2022.

**Annessi**

**Rapporti tal-Kunsilliera għal ħidma matul is-sena 2021**

*Sal-ħin tar-rapport, ir-rapporti mill-Kunsilliera Kurstein Sant u Adrian Farrugia ma ġewx provduti.*

**Rapport ta' ħidma mill-Viċi Sindku Rodianne Haber**

**Responsabbli mid-dekasteru Proġetti, Iż-Żgħażagħ u Tfal, Ħarsien tal-Annimali u Anzjani**

Hekk kif il-proġett għal iktar ħarsien tal-annimali ġie aċċettat, se nagħtikom ħarsa lejn dak kollu li bbenefikajna minnu bħala Kunsill Lokali. L-għan prinċipali hu mhux biss li ngħinu lill-annimali u lil min jieħu ħsiebhom imma sabiex il-ħidma favur l-annimali tibqa' prijorità. Minn hawnhekk inħeġġeġ lil feeder's tal-qtates biex min għadu ma rreġistrax mal-Kunsill bħala feeder jagħmel dan mill-iktar fis possibbli biex ikun jista' jsegwi iktar minħabba inizjattivi futuri.
Il-Kunsill Lokali ta-Siġġiewi bbenefika mill-iskema tal-Proġett LC Care. Fatt importanti hu, li permezz ta' dan il-proġett mhux biss tajna għajnuna lill-qtates li jgħixu fit-triq imma iktar importanti assistejna lill-cat feeders Siġġiwin li tant jieħdu ħsieb lil dawn il-qtates b'imħabba kbira, billi provdejnielhom sostenn finanzjarju importanti.
Permezz tal-proġett Il-Ħarsien, kura u ospitalità tal-annimali saru diversi inizjattivi fosthom ġew impoġġija erbat idjar tal-qtates f'żoni differenti fis-Siġġiewi. Ta' min isemmi li dawn id-djar għall-qtates iservu bħala kenn mill-elementi kiefra tas-sajf u tax-xitwa. Biex innaqqsu l-abbuż, dawn id-djar tal-qtates ġew installati taħt kameras tas-sigurtà li kienu parti wkoll mill-iskema tal-proġett LC CARE.

Appart id-djar tal-qtates, twaħħlu wkoll tabelli li juru sinjal ta' qattus għat-traffiku li jkun ġej. Dawn saru f'naħat fejn ikun hemm l-iktar kolonji ta' qtates.

Bħala parti mill-proġett tal-LC Care, ġew installati wkoll numru ta' dog bins f'diversi toroq biex inżidu l-faċilità li l-ħmieġ tal-klieb jinġabar kif inhu previst fil-liġi.

Sadanittant, b'kollaborazzjoni sħiħa mal-cat feeders li b'mod volontarju joffru ta' kuljum l-assistenza tagħhom, qed jiġi provdut servizz mediku u trattament lil diversi qtates tat-toroq. Dan flimkien ma' ammont konsiderevoli ta' vouchers ta' neutering li ġew provduti mill-Animal Welfare Department.
Proġetti bħal dawn jagħtu lill-komunità nifs ġdid. Inħarsu 'l quddiem biex nipparteċipaw f'iktar proġetti minn dawn għall-benefiċċju tal-ħarsien tal-annimali u l-feeders.

Sar ħafna u għad baqagħlu jsir ħafna xogħol siewi b'rabta mal-qasam tal-ħarsien tal-annimali. Fuq nota oħra f'Diċembru li għadda waqt Milied fis-Siġġiewi, il-cat feeders u l-Kunsill tat-Tfal għenuni ħafna biex inkun nista' ntella' l-bake sale b'risq l-annimali abbandunati. Dawn minn rajhom offrew l-għajnuna tagħhom fil-jiem tal-bake sale u saħansitra taw ukoll l-ikel bħala donazzjoni. Kburija ngħid li din l-attività kienet suċċess għaliex fi żmien il-pandemija, li xi ftit jew wisq, illimitat il-pubbliku inġenerali, xorta waħda rnexxielna niġbru 400 ewro.

Dan l-aħħar ukoll tqassam ikel lill-cat feeders kollha b'ammont li jilħaq 1000 ewro.

Nixtieq nirringrazzja lill-poplu kollu tas-Siġġiewi li meta għamilt sejħa biex niġbru affarijiet essenzjali għall-poplu Ukren, ir-rispons kien wieħed kbir fi ftit sigħat. Fil-fatt kellna nagħmlu bosta vjaġġi lejn l-arjuport biex irnexxielna nieħdu kollox. Il-qalb sabiħa tas-Siggiwin uriet kemm hi b'saħħitha f'mumenti ta' bżonn ukoll. Grazzi!

**Rapport ta' ħidma mill-Kunsilliera Dr. Alessia Psaila Zammit**

Fl-aħħar sena il-ħidma tiegħi kienet għal darba oħra iffukata fuq Kunsill Lokali li għandu jagħti vuċi u shem indaqs lil Kunsilliera kolha. Ġbidt l-attenzjoni anke permezz ta' mozzjonijiet meta kien hemm promozzjoni biex gruppi ta' Kunsilliera jiltaqgħu man-nies waqt li l-oħrajn tħallew barra, meta għall-attivitajiet ma kienux mistiedna l-Kunsilliera u meta kien hemm għaqdiet lokali li ħassew li l-Kunsill Lokali għandu jagħti spazju ndaqs u l-istess lil għaqdiet kollha.

Kont vuċi b' saħħitha biex l-ipjannar u l-ambjent f' pajjiżna jibqgħu jiġu mħarsa b' mod bilanċjat. F' kull seduta tal-Kunsill Lokali insistejt li t-tmexxija tal-Kunsill tagħmel sottomissjonijiet fejn meħtieġ, anke jekk dawn mhux dejjem qed isiru kif maqbul u hemm diversi drabi fejn it-tmexxija ma' tat l-ebda aġġornament fuqhom. Min naħa tiegħi dejjem pbidt l-attenzjoni biex permezz tal-Perit tal-Kunsill lokali, il-Kunsill ikun vuċi b' saħħitha fl-ambjent u l-ippjanar. Insistejt ukoll li jsiru sottomissjonijiet fuq żvillupi kbar li qed jagħmel l-Gvern u kif dan l-iżvillup għandu jinbidel biex jagħti aktar spazji miftuħa u servizzi lill-komunita'.

Fl-aħħar xhur kont ukoll vuċi b' saħħitha biex ikun assigurat li l-ebda Dipartiment ma jieħu poteri li għandhom jiġu deċiżi mil-Kunsilliera eletti biex jirrappreżentaw l-Kunsill Lokali. Dan b' mod partikolari fl-għażla ta' impjegati li jkunu qed jaħdmu mal- Kunsill Lokali. Insistejt li fejn it-tmexxija twettaq ksur ta' proċedura kif filfatt ġara ġie ikkonfermat fi proċess ta' għażla ta' impjegata, ma jibqax għaddej proċess li ma jkunx ġust u transparenti. Din il-ħidma kienet kruċjali biex tisaħħaħ l-governanza tajba fil-Kunsill Lokali.

Fil-ħidma tiegħi fil-Kunsill Lokali ressaqt ukoll mozzjonijiet sabiex ma tingħatax l-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi lil persuna li ma jixraqilix dan it-titlu hekk kif kienet ilha tissemma f' kontroversja ambjentali. Ġbidt ukoll l-attenzjoni tat-tmexxija tal-Kunsill Lokali fuq ksur ta' proċedura fl-għoti tal-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi, liema materja twasslet ukoll lid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali u hija mistennija deċiżjoni u azzjoni fuq dan ir-rigward.

Wettaqt ħidma sabiex tiġi organizzata konferenza fuq l-bidliet demografiċi u soċjali fis-Siġġiewi. Din hi ppjanata għas-sena 2022.

## Rapport ta' ħidma 2021 tal-Kunsillier Kurstein Sant

### Dekasteru Ambjent urban, Sport u Attivitajiet Fiżiċi, Kultura u Patrimonju Storiku, Turiżmu

Is-sena 2021 kienet sena li matulha kienet kontinwazzjoni tas-sena ta' qabilha u allura l-pandemija kienet fattur ewlieni tal-ħidma tal-kunsill lokali. Fuq livell personali kont msiefer minħabba raġunijiet ta' xogħol għal ewwwel nofs tas-sena 2021 allura dan affetwa mhux ftit ix-xoġġol tiegħi fil-kunsill, għalkemm dan il-fattur ma waqqafniex milli nagħti is-sehem tiegħi fejn stajt avolja mill-bogħod.

### L-Ambjent Urban

Matul din is sena li għaddiet kien hemm diversi interventi li għamilt sabiex ikun hemm titjib fl-ambjent urban fis-Siġġiewi. Kien hemm ħidma sabiex art abbandunata fi Triq Mons Mikiel Azzopardi tiġi riġenerata u din issa ser tingħata lura lill pubbliku u dan bħala spazju miftuħ. Żona oħra fiż-żona ta' Ramija ser tigi riġenerata u ser ikun hemm park għat-tfal. Kull seduta li attendejt dejjem tajt is-sehem tiegħi sabiex ikun hemm żvilupp iktar bilanċjat fis-Siġġiewi.

### Kultura

Proġett li ħdimt fuqu sabiex il-Kunsill Lokali jkollhu l-fondi għalih huwa dak tar-restawr tal-Istatwa li tinsab fil-Misraħ San Nikola. Kien ta' pjaċir għaliha li nara dan il-proġett isir u din l-istatwa tingħata l-ħajja. Proġett ieħor li sar matul din is-sena imma il-ħsieb tiegħu kien sar fis-sena 2020 kien il-proġett tar-restawr tal-istatwi fuq l-Għolja tas-Salib. Dawn l-istatwi kienu fi stat tal-biki u issa dawn qegħdin fis-stat ferm aħjar. Tajt ħidma sabiex il-monumenti li għandna fis-Siġġiewi jiġu restawrati u dan sar wara diversi laqgħat mal-iskultur Camilleri Cauchi, filwaqt li saret ukoll ħidma sabiex tiġi mnaddfa u restawrata l-istatwa ta' Dr Nikola Zammit. B'din il-ħidma, il-Kunsill Lokali qiegħed iħalli wirt storiku aħjar minn dak li sibna.

### Sport

Il-pandemija affetwat kull aspett tal-ħajja tagħna. Il-kunsill dejjem pprova jkun ta' għajnuna lil-għaqdiet kulturali u sportivi Siġġiwin. Minkejja li attivitajiet sportivi kienu maħsuba biex isiru, minħabba r-restrizzjonijiet, dawn ma setgħux isiru. Minkejja dan kien hemm l-attivita sportiva achievers, u permezz ta' din l-attivita nkomplu nagħlu aktar għarfien fis-Siġġiwin rigward attivita fiżika filwaqt li nkunu ta' sostenn lill għaqdiet siġġiwin.

**Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Julian Borg**

**Kunsillier, responsabbli mil-Ambjent Rurali, Innovazzjoni, Materji relatati mal-Awtorita' tal-Ippjanar, Għar Lapsi u Ħarsien tal-Widien Siġġiwin bejn Jannar 2021 u Awissu 2021.**

Ambjent Rurali u Materji relatati mal-Awtorita' tal-Ippjanar;

1. Identifikazzjoni u assistenza rigward l-manutenzjoni taż-żoni rurali permezz ta' xogħolijiet għal toroq u trejqiet ġodda. Xogħolijiet direttament mil-Kunsill Lokali Siġġiewi jew f'koordinazzjoni ma' entitajiet bħal IM, WSC, Enemalta, ecc.
2. Għajnuna speċifika lil bdiewa u raħħala sabiex ikollhom aċċessibilta' aħjar għal għelieqi tagħhom. Fix-xhur tajt 1-għajnuna tiegħi sabiex issiru applikazzjonijiet għal street lighting, tindif ta' trejqiet min ħaxix, patching u aktar.
3. F'dawn ix-xhur assistejt lil Kunsill flimkien mal-perit tal-Kunsill Lokali f'numru ta' applikazzjonijiet preżentati quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar, liema applikazzjonijiet huma fil-konfini tas-Siġġiewi. Dawn 1-applikazzjonijiet ivarjaw min dawk ta' xogħol zgħir (small to medium sized) u dawk ta' xogħol jew impatt sostanzjali fuq l-ambjent u fuq ir-residenti
4. L-Awtorita' tal-Ippjanar tikkonsulta mal-Kunsill lokali dwar applikazzjonijiet PC (Planning Control) u cioe, applikazzjonijiet li jittrattaw bdil ta' linji tal-bini jew bdil ta' skemi ta' żvilupp. F'dawn 1-aħħar xhur tajt ir-rakkomandazzjonijiet tiegħi lil Kunsill Lokali dwar din il-materja, b'mod partikolari dwar PC applications fiż-żona ta' Kirċippu u dik relatata ma' Triq Dr. Nikola Zammit (biswit binja tal-housing).

**Għar Lapsi u l-Ħarsien tal-Widien Siġġiwin**

1. Identifikazzjoni u assistenza fl-identifikar ta' manutenzjoni speċjalment assi fdati f'idejn il-Kunsill fiż-żona ta' Għar Lapsi, u cioe, il-park, il-latrina u l-parti infrastrutturali (triq, bankini, bankijiet, ecc), b'koordinazjoni mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali.
2. Transport pubbliku għaż-żona ta' Għar Lapsi — Matul ix-xhur tas-sajf assistejt lil diversi residenti sabiex tiġi kkomunikata 1-iskeda tas-servizz għas-sajf u in oltre ikkomunikajt ma' IM u TM sabiex jsiru l-arranġamenti meħtieġa fir-rotot meta kienu għaddejjin ix-xogħolijiet fi Triq ta' Għar Lapsi, partikolarment meta kienu magħluqin ghat-traffiku.
3. Segwejt b'attenzjoni, u għaddejt updates neċessarji waqt is-seduta, żewg applikazzjonijiet prinċipali u kummerċjali li ġew preżentati quddiem il-kunsill lokali f'dawn ix-xhur: PA/02911/16 (Demolition of existing restaurant and ancillary facilities and proposed construction of underground basement parking, restaurant class 4D including ancillary facilities, guest hOuse class 3A including outdoor pool, shop class 3D, multipurpose hall and playing area.) u PA/00391/21 (Propose sanctioning of approved permit PA/01561/15 including W.C. partition and changes to apertures on facade. Sanctioning also includes the placing of a timber platform to hold outdoor tables and chairs as indicated.)
4. Ressaqt quddiem il-kunsill il-ħtieġa li 1-widien ikollhom kemm tindif ordinarju u dak straordinarju. It-tindif ordinarju issir mil-kuntrattur tal-kunsill (kif perjodikament sar) u fondi tal-

kunsill filwaqt li tindif straordinarju issir mil-ħaddiema tal-ministeru Ċentrali, partikolarment il-PARKS. Sfortunatament ir-riżorsi tad-dipartiment tal-Valley Management huma limitati u allura ix-xogħol li jsir fil-lokalita' huwa ukol limitat.

5. Flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ikkordinajna l-ordni ta' tabelli li jindikaw il-widien u huma zoni nature u allura ma jista jsir l-ebda off roading, littering, material burning u xi simboli oħra relatati.

6. F' dawn l-aħħar xhur ipparteċipajt f' diskussjonijiet relatati mal-Master plan and technical gudielines for selected valley catchments in the Maltese Islands. Dan il-Master plan huwa ntiż li jsaħħaħ l-funzjonijeit tal-widien fil-madwar u jara li l-widien ikunu aċċessibli għal ilmijiet u mnaddfa. Dan ser jsaħħaħ l-funzjonijiet tal-widien fil-madwar u jara li l-widien ikunu aċċessibli għal ilmijiet u mnaddfa. Is-Siġġiewi huwa sitwat fil-catchment magħruf bhal 'Il-Kbir Catchment'. Mid-data tal-konsultazzjoni sad-data ta' dan ir-rapport, għadna ma' rċivejna l-ebda feedback relatata mal-konsultazzjoni.

**Innovazzjoni**

1. Id-dekasteru tal-innovazzjoni huwa pjuttost iżolat u allura irrid jiġi integrat ma' dekasteri oħra jew proġetti individwali: Irrid issir sforz sabiex l-innovazzjoni u dak marbut magħha jigu mħeġġa fix-xhur li ġejjin.

2. Fost l-oħrajn preżentajt jew/u issuġerejt numru ta' skemi sabiex itaffu u jtejbu l-immaniġjar ta' traffiku mil-lokalita', liema suġġerimenti jkun 'thinking outside of the box' sabiex jissolvew numru ta' problemi. Dawn l-iskemi, ġew preżentati jew issuġeriti lis-sotto-kumitat infrastruttura għal approvazzjoni jew konsiderazzjoni.

**Xogħol ieħor**

Waqt din is-sena ix-xogħol ma kienx limitat biss għad-dekasteri speċifiċi indikati hawn fuq imma għal numru ta' xogħolijiet oħra imniżżla hawn taħt:

1. Attendenza għas-seduti;
2. Attendenza għas-sotto-kumitati (fejn ikun hem bzonn);
3. Attendenza fil-kumitati ta' evalwazzjoni ta' quotations u tenders (Sistema e-tenders);
4. Għajnuna lil kunsilliera oħra fid-dekasteri rispettivi tagħhom (fejn mitlub);
5. Preżenza fil-lokalita' waqt attivitajiet u laqgħat organizzati mil-għaqdiet u entitajiet kummerċjali f'isem il-kunsill lokali;
6. Evalwazzjoni ta' permessi ta' TM u ta l-Planning Authority flimkien mas-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv.

**Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Francine Farrugia**

**Kunsillier Responsabbli min Edukazzjoni, Persuni b'diżabilità, Aċċessibilità u Ugwaljanza.**

**Edukazzjoni**
**Persuni b' diżabilità, Aċċessibilità u Ugwaljanza**

Dawn l-istess dikasteri għenuni nifhem mhux biss il-bżonn tar-residenti anki wara perjodu tul din il-leġislatura illi keinet affetwata mill-Pandemija COVID-19, iżda wkoll il-ħtiġijiet tasS-iġġiewi. Dawn id-dikasteri jkomplu jkunu s-sisien sabiex ir-resident ikompli jkattar kemm it-taħriġ neċessarju kif ukoll il-bżonn bażiku mniedi u neċessarju ġewwa raħal twelidna. Il-ħidma tiegħi fil-lokalità tagħna hija prova ċara permezz ta' diversi inizjattivi li ħadt fi ħdan dawn id-dikasteri.

**Proġetti:**

**Road Simulation Educational Project**




Ilkoll nafu li llum il-ġurnata bosta familji Maltin iħarsu lejn l-importanza tal-edukazzjoni iżda wkoll lejn l-użu ta' spazji miftuħa bħala rikreazzjoni għalihom. Proġett kapitali li jiena ħadt l-inizjattiva li nniedi huwa r-Road Simulation Project fiż-żona ta' Kirċippu, lewwel proġett ġewwa Malta li se jkun qed jiġi mniedi ġewwa s-Siġġiewi sabiex it-tfal jingħataw l-opportunità li jitgħallmu s-sinjaletiċi tat-toroq, kif ukoll park rinnovat b'tali manjiera li jkun hemm utilizzar ta' sistema ta' enerġija rinnovabbli. Dan l-istess proġett ġie approvat mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy tul is-sena 2021. Fost iż-żoni, dan il-proġett kapitali se jkun stimulat f'diversi żoni tallokalità fosthom fiż-żona ta' Kirċippu, l-Open Gym, rinnovar tal-Basketball Court ġewwa Għar Lapsi, kif ukoll diversi bicycle tracks madwar il-lokalità. Dan huwa l-ewwel proġett kapitali ġewwa Malta li ġie studjat permezz ta' diversi focus groups flimkien mal-NGO Project Aegle Foundation u TM Mobility Section sabiex żoni fil-lokalità jkunu aċċessibbli għal kulħadd filwaqt li tkun qed tingħata ħajja u tiġi utilizzata b'mod sħiħ mill-familji Maltin u anki minn skejjel bħala proġetti pilota fuq teknoloġija rinnovabbli flimkien ma' Mobility Educational Programmes.

Din ir-Road Simulation Educational Area se tkun medhija b'diversi riżorsi fejn ir-residenti, l-istudenti kif ukoll il-familji jgawdu minn spazji miftuħa, rikreattivi, sportivi, kif ukoll edukattivi. Fl-istess waqt tingħata ħajja lil żoni li llum il-ġurnata ma għandhom l-ebda funzjoni jew pjuttost hija mitluqa. L-utilizzar ta' **spazji pubbliċi** madwar diversi żoni urbani ġewwa s-Siġġiewi huwa kruċjali sabiex tingħata aktar aċċesssibilità lil kulħadd.

### Achievers - Muża Sportiva fis-Siġġiewi







farrugia.francine Ingħaqdu magħna waqt il-attivita' Muża Sportiva fis-Siġġiewi nhar it-Tnejn 13 ta' Diċembru (Festa Pubblika) sabiex noħolqu aktar għarfien dwar l-importanza tal-isports

8.30 AM

Siġġiewi Football Ground

https://www.facebook.com/638956188/posts/1016042505817118 9/?d=n

Narawkom!

Il-proġett Achievers ħaddan l-għan sabiex inrawmu lil kull ċittadin minn età żgħira l-idea li quddiem kwalunkwe għawġ li jistgħu jiltaqgħu miegħu fil-ħajja tagħhom, għandhom jibqgħu reżiljenti u ma jċedux għal vizzji koroh bħalma huma l-alkoħol u ddroga. Dan bil-għan li l-istess proġett jiffoka fuq sports u l-importanza li minn età żgħira jkunu parti minn għaqdiet. L-idea wara dan huwa li meta wieħed ikun involut f'wieħed minn dawn is-setturi ġewwa l-komunità, ikun 'il bogħod minn vizzji oħra li kapaċi ma jkunux proattivi għall-individwu jew għas-soċjetà. Din l-istess inizjattiva sportiva wasslet messaġġ pożittiv għal eżerċizzju fiżiku biex ibiegħed mill-vizzji. Dan ilprogramm b'involviment ta' aġenziji bħal Sedqa u l-għaqdiet sportivi.

- **Librerija Pubblika Karmenu Vassallo biswit l-iskola Primarja tas-Siġġiewi**

Tul dawn l-aħħar xhur ħadt l-inizjattiva li jsir rinnovar fil-librerija tas-Siġġiewi u żieda filkotba sabiex titgawda mill-komunità, fejn sar diversi xogħol ta' ristrutturar. Dawn ixxogħlijiet huma parti minn Proġett parzjalment iffinanzjat mill-fondi tal-Kunsill Reġjonali

Tan-Nofsinhar, b'koperazzjoni mad-Dipartiment tal-Libreriji u l-librara s-Sinjura Antonia Aquilina. Dan ikompli jkattar l-importanza li ninvestu b'risq it-trawwim tal-kultura tal-qari u l-edukazzjoni ta' wliedna.

B'hekk sar rinnovar f'din il-librerija sabiex titgawda mill-komunita', il-Librerija Pubblika Karmenu Vassallo fis-Siġġiewi, li tinsab biswit l-iskola Primarja tas-Siġġiewi

Dawn ix-xogħolijiet huma parti minn Proġett parzjalment iffinanzjat mill-fondi tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar, b'koperazzjoni mad-Dipartiment tal-Libreriji u l-librara is-Sinjura Antonia Aquilina









## Inizjattivi

Fost il-ħidma tan-neċessitajiet tal-lokal it-tfal huma l-katalisti ta' għada. B'hekk permezz tal-arti l-ingħatat l-opportunità li t-tfal li jattendu l-iskola Primarja tas-Siġġiewi, kif ukoll tfal tal-lokal, ikunu parteċipi għal inizjattiva ta' tpinġija ta' tabelli ġodda u kreattivi madwar is-Siġġiewi li jwasslu diversi messaġġi edukattivi u inklussivi sabiex inżommu l-indafa u nħarsu l-ambjent fost l-oħrajn.



KUNSILL LOKALI
# IS-SIĠĠIEWI
*Città Ferdinand*




**farrugia.francine**
Is-Siġġiewi

**farrugia.francine** L-għodwa t-tajba

Dawn huma uħud mit-#tpenġijiet illi għamlu tfal illi jattendu l-iskola Primarja tas-Siġġiewi billi kienu parteċipi għal din l-inizjattiva ta' tpenġija ta' tabelli ġodda u kreattivi madwar is-Siġġiewili jwasslu diversi messaġġi #edukattivi u #inklussivi sabiex inżommu l-indafa u inħarsu l-ambjent fost l-oħrajn.

Inħeġġu lil dawk it-tfal illi jixtiequ jipparteċipaw f'din il-kompetizzjoni sabiex jimpustaw it-tpenġija tagħhom il- Kunsill Lokali Is-Siġġiewi sal-10 ta' April,2021












KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**Lezzjonijiet ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi**

Wara xhur sħaħ ta' Pandemija reġgħu bdew il-lezzjonijiet ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi kemm permezz ta' korsijiet tal-lingwi, dawk artiġjanali,bizzilla u kif ukoll dawk li jirriflettu t-teknoloġija,arti sports, fitness għawm u korsijiet tal-Lifelong Learning b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kemm tul ix-xhur tas-Sajf bi skeda speċifikata u kif ukoll korisjiet tul is-sena kollha.
Diversi opportunitajiet edukattivi fi ħdan ilkunsill sabiex tfal, żgħażagħ adulti u anzjani jkollhom l-opportunità li jitħarrġu iżda wkoll opportunitajiet mogħtija minn diversi entitajiet. Min-naħa l-oħra, l-aċċessibilità kif ukoll l-inkużjoni soċjali huma dikasteri li b'għan speċifiku jagħtu wkoll l-ispazju neċessarju sabiex kulħadd iħossu inkluż f'din l-istess komunità li għadha tħaddan sens ta' komunità tradizzjonali b'valuri uniċi.












Ingħatat ukoll l-opportunita' għal dawk it-tfal bejn il-11 u s-16 -il sena biex jesprimu ruħhom permezz ta' murales f'post pubbliku u fl-istess waqt jitgħallmu ipinġu u jitgħallmu dwar il-lokalita' tas-Siġġiewi Din l-inizjattiva ġiet imnedija flimkien ma' Right 2 Smile- NGO lokali.

